**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 435/2009**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**AB**

**Illum 14 ta' Frar 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata **AB.**

Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer, fil-lejl bejn is-7 u t-8 ta' Diċembru 2008, kif ukoll f'dawn l-aħħar tliet xhur, f'ħinijiet differenti u fi bnadi oħra f'Malta:

1) Ittraffikat, biegħet, qassmet jew offriet li tittraffika, tbiegħ jew tqassam mediċina piskotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

2) Aktar talli biegħet jew xort'oħra ttraffikat ir-raża meħuda mill-pjanta tal-*cannabis* jew xi preprazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) Aktar talli kellha fil-pussess tagħha mediċina piskotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtoriżżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

4) Kellha fil-pussess tagħha r-raża meħuda mill-pjanta tal-*cannabis* jew xi preprazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta` l-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta` Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datata 20 ta' Lulju 2009 bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta)[1] u l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tal-istess data, bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta)[2], sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi l-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-ewwel darba, quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, fil-5 ta' Marzu 2010;

Rat illi f'dik is-seduta, l-imputata rreġistrat ammissjoni fir-rigward tal-pussess sempliċi[3];

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-4 ta' Frar 2013[4];

Rat ukoll illi fis-seduta tad-9 ta' April 2013, il-partijiet ddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

---

[1] Ara a fol. 4 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 5 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 7 tal-proċess fejn ġie vverbalizżat *inter alia* illi "*L-imputata qed tammetti il-pussess semplici…*".
[4] Ara a fol. 64 *et seq* tal-proċess.

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2015, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi f'dan il-każ jeżistu l-elementi ta' *trafficking by sharing* fir-rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet;

Rat it-talba tad-difiża magħmula minnha fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2018, li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2019, id-difiża ddikjarat illi kienet qegħda tirtira din it-talba tagħha;

Rat illi fl-istess seduta tat-8 ta' Mejju 2019, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi kienet qegħda tistrieħ fuq il-provi prodotti, filwaqt illi għalkemm fuq talba tad-difiża, il-Qorti kkonċediet żmien tlett (3) xhur sabiex id-difiża tippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha f'dan il-każ, din in-nota baqgħet ma ġietx ippreżentata.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta mill-atti proċesswali illi fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Diċembru 2008, ċertu Mark Calleja, li kien ma' persuni oħrajn f'*party* ġewwa l-*Eden Ice Arena*, ittieħed l-isptar allegatament b'konsegwenza ta' *overdose*, u dan wara li hu, kif ukoll il-ħbieb tiegħu BC u AB, l-imputata odjerna, allegatament ikkunsmaw pilloli *ecstasy*.

Il-<u>Prosekuzzjoni</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata odjerna:

1. **Oriana Deguara**, Deputat Reġistratur, esebiet vera kopja ta' erba' proċessi verbali: (i) proċess verbal bin-numru 1239/2008 dwar **xhieda ġuramentata ta' BC,** liema proċess verbal ġie esebit bħala Dok. OD; (ii) proċess verbal bin-numru 342/2009 dwar **stqarrija ġuramentata ta' Clayton Muscat**, liema proċess verbal ġie esebit bħala Dok. OD 1; (iii) proċess verbal bin-numru 1253/2008 dwar **xhieda ġuramentata ta' Mark Calleja**, liema proċess verbal ġie esebit bħala Dok. OD 2; u (iv) proċess verbal bin-numru 1241/2008 dwar **stqarrija ġuramentata ta' AB,** liema proċess verbal ġie esebit bħala Dok. OD 3[5];

2. **PS 69 Jesmond Cremona** jixhed illi nhar it-8 ta' Diċembru 2008 għall-ħabta tal-4:00 a.m., huwa ġie infurmat li ċertu Mark Calleja kien iddaħħal l-isptar b'*overdose*, u li huwa kien ħejja rapport dwar dan.[6] Mill-istess rapport jirriżulta illi l-pulizija kienu ġew infurmati illi persuna maskili

[5] Dawn jinsabu lkoll esebiti a fol. 14 tal-proċess.
[6] Ara din ix-xhieda a fol. 17 u 18 tal-proċess. Ir-rapport jinsab esebit a fol. 19 u 20 tal-proċess.

kienet iddaħħlet l-isptar u kienet fil-perikolu tal-mewt b'riżultat ta' *overdose*. Minn investigazzjonijiet ulterjuri, irriżulta illi tali persuna ossia Mark Calleja kien qiegħed fil-kumpanija ta' żewġ tfajliet f'*party* ġewwa l-*Eden Ice Arena* meta kkollassa u ttieħed l-isptar. Ukoll skont l-istess rapport, it-tfajliet inżammu għal investigazzjonijiet ulterjuri;

3. Mill-atti tal-proċess verbal immarkat bħala Dok. OD, jirriżulta illi **BC** rrilaxxjat stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva fit-8 ta' Diċembru 2008, liema stqarrija hija kkonfermatha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Giovanni Grixti fl-istess jum. Fl-istqarrija tagħha, mistoqsija tgħid x'ġara matul dak il-lejl, meta ġie rikoverat l-isptar Mark Calleja minħabba *overdose* u dwar il-fatt li hija kienet marret l-isptar flimkien mal-ħabiba tagħha, hija tgħid illi flimkien ma' AB, il-ħabiba tagħha, huma attendew *party* ġewwa l-*Eden Arena.* Tgħid illi hija daħlet ġewwa filwaqt illi AB baqgħet barra tistenna lil Calleja. Eventwalment, kemm AB kif ukoll Calleja daħlu ġewwa u ltaqgħu magħha. Tgħid illi dawn dehru *high* u illi x'aktarx dawn kienu diġa` belgħu qabel ma daħlu.

   Spjegat illi hi u AB kienu ftehmu illi jixtru tliet pilloli, sabiex jaqsmuhom bejniethom. L-imputata kienet diġa` ħadet pillola u għalhekk, fil-pussess tagħha, kien għad fadlilha tnejn. Hi riedet is-sehem tagħha u għalhekk flimkien mal-imputata marru ħdejn il-*mobile toilets* li kien hemm fuq in-naħa ta' ġewwa u hemmhekk l-imputata tatha pillola u din ħaditha dak il-ħin stess.

   Hija tgħid illi reġgħu marru jiltaqgħu ma' Calleja, eventwalment ħasset l-effett tal-pillola, u t-tlieta li huma flimkien ma' oħrajn, bdew jiżfnu u jieħdu pjaċir. F'ħin minnhom Calleja waqa' mal-art u ntilef minn sensih. Ippruvaw jgħinuh kif setgħu, iżda kien kollu għalxejn u eventwalment issejħet ambulanza u Calleja ttieħed l-isptar. Tgħid ukoll illi hija u AB krew *taxi* u flimkien marru l-isptar ħdejn Calleja. Hemmhekk huma qalu lit-tabib li Calleja kien bela' l-*ecstasy* għalkemm kemm kien ikkonsma ma kinux jafu. Hija tgħid ukoll illi qalet lill-pulizija li anke hi kienet ħadet l-*ecstasy.*

   BC żżid tgħid illi hija u AB kienu ftehmu li jixtru l-pilloli mingħand Calleja. Hija kienet diġa` tat il-flus lil AB ġewwa l-Iklin u AB, mbagħad daħlet il-*party* flimkien ma' Calleja. Tgħid illi waħda mill-pilloli li kellhom jaqsmu bejniethom ma kinux laħqu kkunsmawha u kienet għadha fil-pussess ta' AB . Din ġiet elevata mill-pulizija.

   BC tgħid ukoll illi din kienet l-ewwel darba li kkunsmat l-*ecstasy* u li għaliha, kellha waħda u nofs. Xi xahar qabel pejjpet il-ħaxixa. Tgħid

ukoll illi kienet taf li AB  kienet ser tixtri l-*ecstasy* mingħand Calleja, għax kienu ftehmu dwar dan qabel marru l-*party*.  Kienu jafu li Calleja kellu l-pilloli għall-bejgħ għax meta kienu jkunu miegħu xi sena qabel, dan kien jgħidilhom illi jbiegħ.  Madankollu qatt ma ratu jbiegħ u lanqas f'dik l-okkażżjoni ma kienet ratu jgħaddihom lil AB, għax AB  ottjeniet il-pilloli mingħandu meta kienu għadhom barra.  Skont hi, u minn dak li kienet qaltilha AB, din kienet it-tieni darba li AB  akkwistat il-pilloli mingħand Calleja.  Dakinhar huma akkwistaw l-*ecstasy* bil-prezz ta' €15-il waħda, u hi kienet tat €30 lil AB, li kellha tagħtiha l-bqija.  Tgħid illi l-pilloli kienu bojod sa fejn taf hi, li Calleja kien qalilhom li kienu tas-salib, iżda x'ħin kellha l-*ecstasy* f'idejha, hi qabdet u belgħetha u ma tantx tat każ kif kienet.

Spjegat illi l-Erbgħa ta' qabel, Calleja mar ħdejn l-iskola tagħhom in-Naxxar, hemmhekk huma rikbu miegħu fil-vettura u qalulu li riedu jixtru l-pilloli tal-*ecstasy* mingħandu għall-*party* li kien ser isir il-Ħadd.  Calleja insista magħhom li ma jieħdux *ecstasy* sabiex ma jaqgħux fil-vizzju. Madankollu, hija nsistiet miegħu li riedet tieħu pillola biex tara xi tħoss. Ftehmu għalhekk illi Calleja kellu jagħtihom il-pilloli dakinhar stess tal-*party* u jħallsuh dak il-ħin, iżda ma ftehmux ħin.  Tgħid ukoll illi għall-ewwel Calleja ma kienx sejjer il-*party,* iżda mbagħad AB  ftehmet miegħu li jagħtihom il-pilloli qabel jibda l-*party* kif fil-fatt ġara.  Spjegat illi hija kienet fil-kumpanija ta' persuna oħra li ma tantx kien ikellem lil Calleja u għalhekk hija ma marritx tiltaqa' ma' Calleja flimkien ma' AB . Kien għalhekk illi hija daħlet ġewwa filwaqt illi AB  marret tiltaqa' ma' Calleja.  L-aħħar li rat lil AB  kien l-Iklin, imbagħad iltaqgħet magħha ġewwa meta AB  marret bil-pilloli.

B'referenza għall-*cannabis* tgħid illi din ukoll xtratha mingħand Calleja. Anke hawn, hi u AB  kienu ftehmu ma' Calleja sabiex iġibilhom il-*cannabis* u hu kien tahom biċċa raża, skont hu, mill-ħaxixa Rose, li kienet twila xi 4 ċentimetri u dejqa xi 5 millimetri.  Tgħid ukoll illi ma tiftakarx kemm ħallset għaliha.  L-ewwel sigarett remblu Calleja, u t-tieni wieħed għamlitu AB, u kkonsmawh flimkien hi u AB .

BC kkonfermat l-isqarrija tagħha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Dr. Giovanni Grixti fit-8 ta' Diċembru 2008.  Hawhekk hija kkoreġiet dak li ddikjarat fl-istqarrija tagħha in kwantu tgħid illi l-*cannabis* ma kinitx *rose* iżda *zero,* u mill-bqija kkonfermat l-istqarrija rilaxxjata minnha fl-intier tagħha.

**BC** xehdet ukoll f'dawn il-proċeduri.[7] Tgħid illi fil-lejl in kwistjoni hi, l-imputata u Calleja kienu mifthemin li jiltaqgħu u flimkien imorru l-*party*. Madankollu, hi u l-imputata kienu għadhom mhux lesti, u għalhekk, għalkemm oriġinarjament kienu sejrin il-*party* ma' Mark, dan niżel il-*pary* ma' ċertu Clayton minflok. L-imputata u hi kienu neżlin b'taxi iżda ltaqgħu ma' xi ħbieb tagħhom ġewwa l-Iklin u telgħu f'karozzi separati. Tgħid illi hija tat il-flus għall-pilloli lill-imputata minn qabel u kellhom jiltaqgħu hemmhekk. Skont ix-xhud, hija waslet il-*party* qabel l-imputata u daħlet. Tgħid illi hekk kif l-imputata kkuntatjatha u qaltilha li waslet, hija ppruvat toħroġ mill-*party*, iżda qalulha li ma setgħetx toħroġ qabel nofs il-lejl. Kien għalhekk illi marret l-imputata sabiex tiġbor il-pilloli. Fi kliemha "*Imma li kieku t-tlieta flimkien kellna niltaqghu*".[8] Imbagħad l-imputata u Calleja daħlu l-*party* u ltaqgħet magħhom, dawn qalulha li diġa` kienu ħadu l-pilloli tagħhom, marru magħha u hija ħadet is-sehem tagħha. Tgħid illi sussegwentement hi bdiet tieħu gost, iżda l-imputata bdiet tħossha ħażin u wara li ġiet f'tagħha, kien Calleja li beda jħossu ħażin. Għalkemm ippruvaw jgħinuh kif setgħu, dan kien kollu għalxejn u eventwalment ġiet imsejjħa ambulanza li ħadet lil Calleja l-isptar. Stante li Calleja kien ħabib tagħhom, huma marru l-isptar warajh. Hemmhekk il-pulizija għamlulha xi domandi u baqgħu sejrin il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, fejn irrilaxxjaw stqarrija. Tgħid hekk dwar din l-istqarrija: "*L-istatement heqq konna ghadna taht l-effett tad-droga, konna qeghdin imbezzghin ghax ma nafx Mark jekk hux haj jew mejjet. Ommi ma kinitx mieghi, kien ghad ghandi 16 u kont imbezza. Kelli xokk fuqi u ma nafx xi bdejt nghid fl-istatement*".[9]

Mistoqsija dwar kif kif kienu ftehmu hi u l-imputata sabiex iġibu l-pilloli in kwistjoni, tgħid illi waqt li hi, l-imputata u Calleja kienu flimkien, id-diskors waqa' fuq hekk, u qalu li riedu jippruvawhom. Tgħid illi hi, l-imputata u Calleja lkoll kienu għaddejjin minn żmien diffiċli u għalhekk ftehmu li jixtru l-pilloli *ecstasy* it-tlieta bejniethom. Tgħid ukoll illi ftehmu li jixtruhom flimkien. Calleja dam jgħidilhom biex ma jmissux mad-droga ma jmurx jaqgħu fil-vizzju, iżda hi u l-imputata baqgħu jinsistu li riedu jippruvaw l-*ecstasy*. Ftehmu li ser jieħdu l-pilloli flimkien. Huma riedu jagħtu l-flus lil Calleja sabiex jixtri l-pilloli għalihom, iżda dan ma riedx jitħallas minn qabel f'każ li jibdlu l-ħsieb. Għalhekk ftehmu li Calleja kellu jġib il-pilloli, għax ma ridux jidhru huma, iżda Calleja ma kienx ser jieħu flus mingħandhom bil-quddiem, bit-tama li t-tfajliet idawwru fehmithom. Tgħid ukoll illi ma tafx mingħand min akkwista l-pilloli Calleja. Il-flus tawhomlu dakinhar tal-

---

7 Ara din ix-xhieda a fol. 21 sa 56 tal-proċess.
8 A fol. 22 tal-proċess.
9 A fol. 23 tal-proċess.

*party*. Mistoqsija kif kienet taf li l-imputata kienet ser tixtri l-*ecstasy* mingħand Calleja, hija tgħid illi huma t-tlieta kienet ftehmu flimkien dwar dan u mistoqsija kif kienet taf li Calleja ibiegħ l-*ecstasy*, hija tgħid li qatt ma kienet taf dwar dan, iżda ġie d-diskors bejniethom meta kienu flimkien. Hija tinnega li Calleja kien ibiegħ id-droga u tgħid li qatt ma ratu jbiegħ. Mistoqsija jekk Calleja qalilhomx jew kinux jafu kif kien ser iġib id-droga, hija tgħid illi Calleja qalilhom biss li kien ser jiddobba fis-sens illi kien ser jara jekk isibx biex jaqsmuha bejniethom. Tgħid ukoll illi l-imputata qatt ma xtrat *ecstasy* mingħand Calleja għax li ħadu, kienu ħaduh flimkien u huma ma xtrawx droga mingħand Calleja. Ma tiftakarx b'kemm kellhom jixtru l-*ecstasy* u kemm ħarġet flus għalihom.

Ix-xhud issostni li kienu ftehmu t-tlieta li huma sabiex jixtru l-pilloli flimkien u bejniethom u mhux li kellhom jixtru l-pilloli mingħand Calleja. Mistoqsija jekk kinitx xtrat xi droga oħra mingħand Calleja, hija tgħid illi "*mhux minghand Mark. Konna ftehmna t-tlieta f'salt li ser nixtru l-cannabis*" bħal ma għamlu bl-*ecstasy*. Kien hemm xhur bejn din l-okkażjoni tal-*cannabis* u tal-*ecstasy* u ma tiftakarx kemm xtraw.

Hawnhekk saret referenza lix-xhud għall-istqarrija rilaxxjata minnha nhar it-8 ta' Diċembru 2008, liema stqarrija hija kkonfermatha bil-ġurament, fejn wara li ġiet imwissija mill-Qorti, li kemm dakinhar, kif ukoll dak il-ħin, kienet qegħda tagħti xhieda bil-ġurament, hija reġgħet tenniet illi meta rrilaxxjat l-istqarrija lanqas kienet taf x'inhu jiġri, u li hi dak il-ħin bdiet taħseb jekk Calleja kienx ħaj jew mejjet.

B'referenza għall-istqarrija, hija terġa' tispjega għaliex ma ħarġitx mill-*party* biex tiltaqa' mal-imputata u dan fis-sens illi ma tħallietx toħroġ għax kienu għadhom ma sarux nofs il-lejl. Kienet l-imputata li qaltilha li hi u Calleja diġa` kienu ħadu l-*ecstasy* tagħhom. Tgħid illi hi u l-imputata ftehmu li jixtru tliet pilloli bejnithom, ossia waħda u nofs għaliha u waħda u nofs għall-imputata, u li kellhom jieħdu l-*ecstasy* it-tlieta ossia hi, l-imputata u Calleja flimkien. Tgħid li kienu hi, l-imputata u Calleja li marru ħdejn il-*mobile toilets* sabiex hi tieħu sehemha mill-pilloli u tinsisti li huma u Calleja dejjem baqgħu flimkien. B'referenza għal dik il-parti tal-istqarrija tagħha fejn hija qalet li kienu ftehmu li jixtru l-pilloli mingħand Calleja, hija tinnega dan u tgħid li huma ftehmu ma' Calleja, li Calleja kellu jsib jixtri mingħand ħaddieħor, imma "*konna ser nehduhom it-tlieta f'salt u t-tlieta f'salt ftehmna u ma hadilniex flus qabel*".[10] B'referenza għall-fatt li fl-istqarrija tagħha qalet li Calleja kien jgħidilhom li kien ibiegħ, hija ċaħdet dan u qalet li ma kinitx taf li Calleja

[10] Ara a fol. 32 tal-proċess.

kien ibiegħ u li hi qatt ma ratu jagħmel dan. Tgħid li Calleja qatt ma qalilha dan u dwar il-parti fejn kienet qalet li din kienet it-tieni darba li l-imputata akkwistat id-droga mingħand Calleja, tgħid li ma tafx jekk dik id-darba l-imputata kinitx xtrat id-droga. Taf li kienet ħadet l-*ecstasy* għax l-għada qaltilha l-imputata stess, iżda ma tafx minn fejn ġabitha. B'referenza għall-parti fejn qalet illi kienu qalu lil Calleja li xtaqu jixtru l-pilloli mingħandu, tgħid illi dak li qalu kien li xtaqu jieħdu l-*ecstasy* u li kienu ser jieħdu t-tlieta flimkien u dwar il-fatt li qalet li Calleja qalilhom li kien ser iġibilhom, tgħid illi dan kien ser jara jistax jiddobba għalihom it-tlieta, inkluż għalih ukoll. Tikkonferma illi hija kienet tat il-flus lill-imputata meta kienu għadhom l-Iklin u illi l-imputata kellha tgħaddihom lil Calleja stante li hi ma tantx kellha kunfidenza miegħu u kienet tistħi minnu. Ikkonfermat ukoll dak li qalet fis-sens illi l-persuna ma' min kienet fil-*party* ma tantx kien ikellem lil Calleja, għalkemm reġgħet tenniet li meta waslu l-imputat u Calleja, hi ma tħallietx toħroġ mill-*party*. Dwar il-*cannabis* tgħid illi din ma xtrathiex mingħand Calleja, iżda ftehmu huma t-tlieta li jakkwistawha u jeħduha bejniethom, kif fil-fatt għamlu u Calleja ried jara jistax jiddobba biċċa. Iżjed tard tikkonferma li l-*cannabis* kien ġabha Calleja, għalkemm ikkunsmawha flimkien. Huma kienu taw il-flus lil Calleja għall-*cannabis*.

**In kontro-eżami** x-xhud tgħid illi fiż-żmien in kwistjoni hija kellha sittax-il sena, li wara l-*party* marru l-isptar u minn hemmhekk marru dritt il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Hija kienet ħadet *ecstasy* waħda u kienet taħt l-influwenza tagħha. Ma tafx eżatt fi x'ħin kienet ħaditha, imma taħseb li kien qabel nofs il-lejl għax ma ħallewhiex toħroġ mill-*party*. Il-ġenituri tagħha ma kinux preżenti għall-istqarrija rilaxxjata minnha u l-Ispettur ma talabhiex sabiex jagħmel kuntatt magħhom. Tgħid in oltre illi l-verita` kienet dik kif qalitha dakinhar tax-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri. Terġa' tgħid illi mingħand Calleja hija qatt ma xtrat droga u li meta ħadet id-droga, huwa dejjem kien involut u ħadu d-droga flimkien. Tgħid ukoll illi dak iż-żmien l-imputata kellha problemi ta' mard fil-familja.

4. **WPC 23 Geraldine Buhagiar** xehdet illi hija kienet xhud ta' żewġ stqarrijiet – waħda ta' BC u oħra tal-imputata AB, li t-tnejn għażlu li jiffirmaw l-istqarrijet rispettivi tagħhom, u dan wara li ngħataw is-solitu twissija skont il-liġi. Taf li l-istqarrija ttieħdet kmieni ħafna matul il-lejl. Tikkonferma li l-istqarrijiet ttieħdu wara li kien hemm telefonata mill-isptar, fejn ġew informati illi kien daħal persuna l-isptar b'*overdose* u li miegħu, kien hemm xi persuni oħra li ttieħdu ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

**In kontro-eżami** tikkonferma illi dan kollu ntqal lilha minn ħaddieħor u li hija ma marritx l-isptar.[11]

5. **L-Ispettur Malcolm Bondin** xehed fil-proċeduri u esebixxa dokument datat 8 ta' Diċembru 2008, konsistenti f'pillola maqsuma f'biċċtejn, li ġiet elevata minn fuq il-persuna ta' AB  minn ex SM Marisa Bartolo.[12]

6. Mir-relazzjoni esebita mill-espert ix-**Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur mill-Qorti fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2014[13], jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* ta' lewn kannella mmarkat S/B/265/2014 Dok MB, li fih kien hemm borża tal-plastik trasparenti li kien fiha qartas tal-plastik, kontenenti pillola ta' lewn abjad maqsuma.

   Mill-istess relazzjoni jirriżulta illi l-imsemmi espert ikkonkluda, dwar dan id-dokument, illi fuq estratt meħud mill-pillola nstabet is-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine* (*MDMA*).  Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Liġiiet ta' Malta. [14]

Illi da parti tagħha, <u>id-difiża</u> ressqet is-segwenti provi:

Fuq talba tad-difiża għall-fini tat-talba tagħha ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, liema talba kif ingħad sussegwentement ġiet irtiratha mid-difiża, il-Qorti ħatret lil **Dr. Roberta Holland**, psikologa forensika, li eżaminat lill-imputata bil-mod spjegat minnha fir-relazzjoni tagħha.  L-istess espert ikkonkludiet illi ma jidhirx li l-imputata kellha jew għandha problema ta' dipendenza mid-droga *ecstasy*, u lanqas waħda ta' użu problematiku, liema konklużjoni tapplika wkoll fir-rigward tal-użu tal-*cannabis* da parti tal-istess imputata.  Spjegat illi kien hemm sia immaturita`, kif ukoll inġenwinita` fl-imputata meta din użat id-droga sabiex tinsa l-problemi personali li kienet għaddejja minnhom dak iż-żmien u ma qisitx il-konsegwenzi li l-użu tas-sustanzi seta' jkollu fuqha.  Fiż-żmien in kwistjoni, l-imputata kellha biss sittax-il sena, u kien evidenti illi l-użu tad-droga kien relatat ma' fatturi predominanti madwar l-eta` li kellha.  Din kienet biss fażi f'ħajjitha, liema fażi kienet dipendenti minn sitwazzjonijiet u ċirkostanzi relatati maż-żmien u mal-eta` u li l-imputata ħarġet minnha f'qasir żmien. Fiż-żmien tar-relazzjoni tal-istess espert, l-imputata kellha livell ta' stabilita`

---

[11] Ara a fol. 57 *et seq* tal-proċess.
[12] A fol. 75 u 76 tal-proċess.
[13] Ara a fol. 74 tal-proċess.
[14] Din ir-relazzjoni tinsab esebita bħala 'Dok. GS' a fol. 82 *et seq* tal-proċess.

soda f'ħajjitha, kienet taffaċċja d-diffikultajiet tagħha b'mod xieraq u terfa' r-responsabilitajiet li hija għandha.[15]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi apparti l-istqarrija ġuramentata ta' BC, fl-atti proċesswali ġiet esebita wkoll l-istqarrija tal-imputata **AB,** liema stqarrija hija rrilaxxjata nhar it-8 ta' Diċembru 2008, u sussegwentement ġiet ikkonfermatha minnha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Giovanni Grixti fl-istess jum.

Jeħtieġ fl-ewwel lok illi l-Qorti tiddetermina l-valur probatorju li għandha tingħata din l-istqarrija tal-imputata, liema stqarrija ġiet rilaxxjata minnha wara s-solita twissija skont il-liġi, iżda mingħajr il-jedd li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha u l-jedd li tkun assistita minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fiż-żmien in kwistjoni, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna suspettata jew arrestata dawn il-jeddijiet u dan stante illi l-ewwel jedd daħal fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviż Legali 35/2010, filwaqt illi t-tieni wieħed daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Jirriżulta illi fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2011, id-difiża wara li għamlet referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Carmelo Muscat vs Avukat Ġenerali**, talbet lil din il-Qorti sabiex tordna l-isfilz tal-istqarrija tal-imputata u dan peress illi meta ġiet arrestata l-imputata ma ngħatatx id-dritt għall-assistenza legali.[16]

Sussegwentement, kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tal-15 ta' Frar 2012, quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, id-difiża talbet referenza kostituzzjonali sabiex jiġi determinat jekk i) l-istqarrija tal-imputata ossia kemm dik li ttieħdet mill-Uffiċjal Investigattiv, kif ukoll ix-xhieda tagħha quddiem il-Maġistrat tal-Għassa li permezz tagħha kkonfermat dik l-istqarrija bil-ġurament tagħha, ġewx ottjenuti bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u ii) dan b'referenza wkoll għal stqarrijiet ta' terzi persuni li jikkostitwixxu prova ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-waqt illi għamlet referenza għas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fil-każijiet ta' Alvin Privitera, Mark Lombardi, Carmel Muscat u oħrajn.[17]

Dwar dan, permezz ta' digriet tal-4 ta' Frar 2013, din il-Qorti kif diversament preseduta, wara li għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-

---

[15] Ara x-xhieda tal-espert a fol. 110 sa 109 tal-proċess u r-relazzjoni tagħha, esebita a fol. 110 *et seq* tal-proċess.
[16] Ara a fol. 15 tal-proċess.
[17] Ara a fol. 60 tal-proċess.

8 ta’ Ottubru 2012, fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali** u għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Ir-Repubbblika ta’ Malta vs Alfred Camilleri** tat-12 ta’ Novembru 2012, qieset l-ewwel kwistjoni mqanqla mid-difiża bħala frivola għalkemm mhux vessatorja u dan in kwantu l-Qorti ma kinitx serja tinjora kapriċċożament l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali li tat linji gwida ċari dwar x’kellu jittieħed in konsiderazzjoni sabiex jiġi deċiż jekk stqarrija kellhiex tiġi skartata o meno, f’ċirkostanzi meta l-akkużati ma kellhomx il-possibilita` għall-assistenza legali qabel sarilhom l-interrogatorju mill-Pulizija. Għalhekk, dwar dan il-Qorti ddeċidiet illi “*dan ifisser li l-atti tal-kawza ghandhom jibqghu intatti, pero meta din il-Qorti tasal biex taghti s-sentenza ghandha tixtarr il-provi migjuba quddiemha sabiex tassigura li l-istqarrija tal-imputata u d-dikjarazzjoni guramentata taghha jigu valutati, ammessi jew skartati fid-dawl tad-dritt fundamentali ta’ smiegh xieraq tal-imputata, kif interpretat mill-istess Qorti Kostituzzjonali. B’hekk jigi assigurat li l-htija jew l-innocenza tal-imputata tigi esklussivament stabbilita minn provi mhux inkwinati minhabba li jilledu d-dritt ta’ smiegh xieraq*”.[18]

Fir-rigward tat-tieni kwistjoni sollevata mid-difiża madankollu, il-Qorti qieset tali kwistjoni bħala frivola u vessatorja in kwantu huma biss it-terzi persuni li għamlu stqarrija ġuramentata li għandhom interess personali u ġuridiku li jqanqlu lment dwar ksur tad-dritt fundamentali tagħhom għal smiegħ xieraq.

Il-Qorti tinnota illi mid-data ta’ dan id-digriet ingħataw diversi sentenzi oħrajn kemm mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali, u anke qrati oħrajn dwar il-punt imqajjem mid-difiża, fosthom is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Josianne Azzopardi**, li għaliha għamlet aċċenn id-difiża fis-seduta tal-14 ta’ Novembru 2016.

F’dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta’ Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta’ Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta’ Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta’ Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta’ Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta’ Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi “*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused’s statement*.”

[18] Ara a fol. 66 tal-proċess.

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-10 ta' Mejju 2017, fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Josianne Azzopardi**, wara referenza kostituzzjonali ta' din il-Qorti kif preseduta. F'dak il-każ, l-imputata Josianne Azzopardi rrilaxxjat stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-13 ta' Frar 2004, liema stqarrija hija kkonfermatha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat tal-Għassa dakinhar stess. Qabel l-interrogatorju tagħha, hija ngħatat is-solita twissija skont il-liġi, iżda ma ngħatatx id-dritt li tottjeni parir legali, u wisq inqas il-jedd li tkun assistita minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fl-istess stqarrija, l-imputata għamlet diversi dikjarazzjonijiet inkriminanti. Wara li għamlet rassenja tal-ġurisprudenza lokali u anke tal-Qorti Ewropea dwar dan il-punt, il-Qorti Kostituzzjonali ddisponiet mir-referenza bil-mod segwenti:

> "Din il-Qorti taqbel perfettament mal-insenjament tal-Qrati fid-deċiżjonijiet ċitati. L-Avukat Ġenerali ma ġab l-ebda ġustifikazzjoni għaliex kien hemm restrizzjoni għall-aċċess tar-rikorrenti għall-avukat ħlief li l-liġi kif kienet ma kinitx tipprovdi għal tali dritt favur persuna arrestata. B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, il-Qorti ssib illi minkejja li d-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq ma ġiex leż f'dan l-istadju, ċertament illi sseħħ leżjoni f'każ illi l-istqarrija li tat lill-pulizija fit-13 ta' Frar 2004 u dik li għamlet aktar tard dak inhar quddiem il-Maġistrat Inkwirenti jibqgħu jagħmlu parti mill-proċeduri kriminali pendenti quddiem il-Qorti referenti. Il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax ukoll illi r-rikorrenti kellha biss tmintax-il sena meta seħħ dan l-episodju u kienet l-ewwel darba li ġiet arrestata u tressqet il-Qorti, fejn mhux biss ikkonfermat l-istqarrija tagħha kif kienet mingħaliha li ser tagħmel, iżda effettivament irrilaxxat stqarrija oħra pjuttost dettaljata u dan kollu mingħajr ma kienet ingħatat xi forma ta' assistenza legali, bir-riżultat illi, kif jikkonferma wkoll l-Ispettur Josric Mifsud, hija kienet aġitata waqt li kienet qiegħda tirrilaxxa l-istqarrija tagħha.
>
> ...
>
> Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt li tagħmel referenza għall-fatti lamentati minn Josianne Azzopardi fit-talba għal referenza kostituzzjonali fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Josianne Azzopardi li hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, senjatament illi ġie mittiefes id-dritt fondamentali tagħha għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, liema lment wassal lil dik il-Qorti sabiex fl-24 ta' Frar 2016 tagħmel l-ordni ta' referenza, qiegħda tiddikjara illi fil-konfront tal-istess Josianne Azzopardi ma ssib li kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-

artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, madanakollu, issib illi jkun hemm ksur jekk isir użu mill-istqarrija li tat ir-rikorrenti lill-pulizija dakinhar tat-13 ta' Frar 2004 u l-istqarrija li tat quddiem il-Maġistrat Inkwerenti fl-istess jum, fil-proċeduri kriminali de quo. Għalhekk qiegħda tibgħat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tkompli tisma' u tiddeċiedi skont kif intqal f'din ir-referenza." [sottolinear ta' din il-Qorti]

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-Pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.

37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019 u fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Spiteri** tat-18 ta' Ġunju 2019, f'liema każ, bħal fil-każ odjern, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija kemm mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, kif ukoll mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

> "14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."

Fil-każ ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deċiż mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm

sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu għaliex kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-deċiżjoni tagħha:

"(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment

150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):

(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;

(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;

(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;

(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;

(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;

(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and

(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."

F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.

Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija, kif ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.

F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta' **<u>Ibrahim and Others v. United Kingdom</u>** deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'**<u>Beuze v. Belgium</u>** u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

> "20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.
>
> 21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.
>
> ...
>
> 23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.
>
> 24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.
>
> 25. Barra minn hekk, <u>l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur</u>: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.

26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...

27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.

28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101]." [sottolinear ta' din il-Qorti]

F'każ ieħor deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Settembru 2019, fl-ismijiet **Graziella Attard vs Avukat Ġenerali**, f'liema każ il-posizzjoni legali fit-teħid ta' stqarrija kienet dik adoperata qabel l-10 ta' Frar 2010 u għalhekk qabel ġie fis-seħħ id-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, wara li rreferiet ukoll għall-każ **ta' Beuze v. Belgium**, l-istess Qorti kkonkludiet illi:

"10. Madanakollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali, **illi ma jkunx għaqli** – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – **illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija** għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat." [enfasi ta' din il-Qorti]

Fl-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet ukoll is-segwenti:

> "18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal-integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix l-proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.
>
> 19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali ...".

Huwa evidenti illi fil-każ odjern, jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandha tingħata l-istess stqarrija, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Mis-suespost, il-Qorti jidhrilha illi fil-każ ta' Beuze, sabiex sabet vjolazzjoni tal-jedd tal-akkużat għal smigħ xieraq, il-Qorti Ewropea fil-valutazzjoni tagħha tal-*overall fairness of the proceedings* straħet ħafna fuq il-fatt illi l-akkużat ma ngħatax aċċess għall-avukat qabel u/jew waqt l-interrogatorji diversi li sarulu, illi fl-istqarrijiet tiegħu għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u illi fir-rigward ta' akkuża partikolari, l-istqarrijiet tiegħu kellhom impatt tali illi wasslu għal sejbien ta' ħtija. Fil-każ ta' Paul Anthony Caruana, imbagħad, fil-waqt illi ma sabitx ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali qieset bħala fattur determinanti l-fatt illi huwa nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati mhux fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija, iżda a bażi tal-ammissjoni tiegħu fil-proċeduri. Effettivament din il-Qorti tinnota illi dejjem tibqa' kunsiderazzjoni determinanti kemm l-istqarrija rilaxxjata mingħajr il-jedd ta' aċċess għall-avukat, ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri, jew fi kliem ieħor fuq is-sejbien ta' ħtija tal-imputat.

Il-Qorti qed tqis ukoll illi fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Jannar 2020 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmel Polidano, Michael Mercieca, *Omissis*</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet rassenja tal-ġurisprudenza, kemm tal-Qrati Maltin kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar din il-kwistjoni u rrikonoxxiet illi kien hemm tibdil sostanzjali fid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ewropea dwar dan il-punt. Il-Qorti għamlet referenza għal **<u>Beuze v. Belgium</u>**, kif ukoll għas-sentenzi tal-Qrati Maltin li rreferew għal din id-deċiżjoni, fosthom **<u>Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar</u>** tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti straħet fuq l-istqarrija tal-imputat, <u>abbinata ma' provi oħrajn</u>, minkejja li l-imputat ma ngħatax id-dritt li jkun

assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu, fil-waqt illi kien ingħata l-jedd għall-parir legali qabel tali interrogatorju, **<u>Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et</u>** fuq ċitata, kif ukoll **<u>Stephen Pirotta vs Avukat Ġenerali et</u>** tas-27 ta' Settembru, 2019 fejn il-Qorti Kostituzzjonali sabet li r-rikorrenti ma ġarrab ebda ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq bil-fatt illi ma kienx ingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni tiegħu u dan wara li kkunsidrat illi:

> "Fil-każ tallum ma jista' jkun hemm ebda dell ta' dubju li l-attur kien ħati tal-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu, kif wara kollox għarfet l-ewwel qorti stess. L-ewwel qorti għarfet ukoll illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali waslu għall-konklużjoni tal-ħtija tal-attur <u>bis-saħħa ta' xiehda oħra barra l-istqarrija tiegħu</u>. Meqjus il-proċess kriminali fl-intier tiegħu, ma jistax jingħad illi l-attur ma ngħatax smigħ xieraq: kellu għarfien tal-provi kollha mressqa kontrih u ma ntweriex li nżamm mistur xi tagħrif li kellha l-pulizija; kellu għajnuna ta' avukat waqt il-proċess quddiem il-qorti; kellu fakoltà jressaq xhieda u jagħmel kontro-eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni; instab ħati bis-saħħa ta' xiehda oġġettiva li, ukoll jekk ma tqisx l-ammissjoni tiegħu, rabtitu mal-inċident u ma setgħetx tħalli dubju dwar il-ħtija tiegħu." [sottolinear ta' din il-Qorti]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet ukoll għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet **<u>Farrugia vs. Malta</u>**, reża finali fis-7 ta' Ottubru 2019, mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li wkoll ikkonfermat il-posizzjoni li ttieħdet fil-każ ta' Beuze u kompliet hekk:

> "Illi l-izvillup fl-interpretazzjonijiet dwar il-jedd ta' smiegh xieraq kif moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom fis-sentenzi sucitati fl-ismijiet 'Beuze vs Belgium' moghtija mill-Grand Chamber u s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet 'Farrugia vs. Malta' gia gie rifless fil-pozizzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali u l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) qeghdin jiehdu meta jikkunsidraw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq. Jirrizulta li hemm zvillup fis-sens li l-fatt li stqarrija tkun ittiehdet minghajr il-prezenza tal-Avukat skont dawn l-ahhar sentenzi mhumiex awtomatikament jigu kkunsidrati bhala li jiksru d-dritt ghal smiegh xieraq izda li qieghed jittiehed kont tal-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi determinat jekk kienx hemm lezzjoni o meno tad-dritt ghal smiegh xieraq."

Hawnhekk il-Qorti rreferiet ukoll għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) tas-17 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello</u>** u dan wara referenza kostituzzjonali li saret lilha mill-

Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta’ April 2018, liema referenza ġiet deċiża billi l-Qorti ddikjarat illi:

> “fic-cirkostanzi tal-kaz mhux ser ikun jirrizulta ebda lezjoni tad-dritt fondamentali tal-akkuzat Martino Aiello ghal smigh xieraq kif sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jekk isir uzu fil-guri kontra tieghu mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lil pulizija fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ...”.

Dan wara li l-istess Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) ikkunsidrat illi dan il-każ kien kemmxejn differenti minn dak ta’ Aldo Pistella, fuq ċitat, in kwantu kuntrarjament għal Pistella, Aiello kien irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma’ avukat qabel l-interrogatorju tiegħu u ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni. In oltre fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrenti naqas milli juri li huwa kellu jitqies bħala persuna vulnerabbli u lanqas irriżultat xi prova fis-sens illi ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l-istqarrija kienu għalih intimidanti. Ir-rikorrenti lanqas ma attakka l-volontarjeta` tal-istqarrija tiegħu u ma qajjem l-ebda lment dwar l-istess stqarrija, iżda talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista’ jressaq eċċezzjoni dwar l-inammissibilità tal-istqarrija biss minħabba dak deċiż mill-Qorti Ewropea fil-każ ta’ Borg. Finalment, qieset ukoll illi kien fl-interess pubbliku li jiġi investigat u mressaq sabiex jiġi ġudikat mill-Qrati ta’ ġurisdizzjoni kriminali stante li nqabad in flagrante jittraffika d-droga f’Malta. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza tagħha tas-27 ta’ Marzu 2020, fejn l-istess Qorti qieset ukoll illi:

> “21. L-istqarrija in kwistjoni <u>m’hijiex l-unika prova</u> għal dak li jirrigwarda x’ġara fit-18 ta’ Ottubru, 2014. Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta li l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura li fiha nstabet id-droga. Kif il-vettura niżlet minn fuq il-catamaran twaqqfet mill-pulizija li għamlu tfittxija u sabu d-droga fil-vettura. L-appellant stess meta xehed fis-seduta tad-9 ta’ Jannar, 2019 quddiem l-ewwel Qorti, qal li l-pulizija arrestawh meta kellu d-droga.” [sottolinear ta’ din il-Qorti]

Is-sentenzi fuq ċitati huma lkoll konkordi f’aspett speċifiku u ċioe` li f’kull każ l-istqarrija ma kinitx l-unika prova mressqa in sostenn tal-akkużi dedotti.

Fis-sentenza tagħha **<u>Il-Pulizija vs Carmel Polidano et</u>** imbagħad, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet illi:

"Din il-Qorti temfasizza li d-dritt li suspettat ikollu Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni mhijiex limitata ghal persuni kkunsidrati vulnerabbli.  Anke persuni li kellhom diversi kundanni precedenti kontra taghhom u li ghalhekk huma intizi fil-mod ta' kif jittiehdu l-interogazzjonijiet kif ukoll persuni li l-Avukat Generali jirreferi ghalihom bhala b'esperjenza f'varji oqsma tan-negozju ukoll ghandhom dritt li jkollhom Avukat prezenti minn stadju bikri tal-investigazzjoni. Il-ligi ma tiddistingwix bejn persuna u ohra. Huwa d-dritt ta' kull persuna li jkun assistit minn Avukat anke matul l-interrogazzjoni. Mhuwiex kontestat li fiz-zmien li ttiehdu l-istqarrijiet kif ukoll ix-xhieda ta' uhud mill-akkuzati quddiem l-espert Vincent E. Ciliberti fl-istadju tal-inkjesta, l-ligi ma kinitx taghti jedd lil suspettati biex ikollhom Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija.  Biss pero' issa li l-ligi tipprovdi ghal dan id-dritt, huwa rikonoxxut u accettat li d-dritt ghal smiegh xieraq ghandu jigi rispettat minn stadju bikri tal-investigazzjoni.

Din il-Qorti filwaqt li tirrikonoxxi li kien hemm zvilupp sinifikattiv f'dawn l-ahhar xhur, fejn il-Qrati qeghdin iharsu lejn il-proceduri fit-totalita' taghhom sabiex jigi deciz jekk kienx hemm lezzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, din il-Qorti tissotolinea li bl-ebda mod ma hemm uniformita' fil-kunsiderazzjonijiet u decizjonijiet tal-Qrati dwar jekk stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mehuda matul l-investigazzjoni minghajr id-dritt tal-prezenza tal-Avukat jilledux id-dritt ghal smiegh xieraq. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda kompetenza biex tiddeciedi dwar lezjoni o meno ta' dritt fundamentali izda trid tiddeciedi biss jekk ghandhiex tiehu in konjizzjoni stqarrijiet u dikjarazzjonijiet ohra fl-istadju tal-investigazzjoni minghajr id-dritt li suspettati jkunu assistiti minn Avukat. Din il-Qorti ghalhekk tqis li gialadarba qieghdin fi stadju ta' revizjoni, filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li sehh xi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq, tiddeciedi li sabiex ma jkunx hemm ir-riskju ta' xi ksur, kwalunkwe dikjarazzjoni, stqarrija jew xhieda moghtija mill-imputati Carmel Polidano, Michael Mercieca u Muhammad Saleem fl-istadju tal-investigazzjoni u l-inkjesta minghajr il-prezenza tal-Avukat bhala inammissibli."

Irid jingħad ukoll madankollu illi fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet <u>**Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat**</u>, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrija rilaxxjata mir-rikorrenti fid-19 ta' Frar 2010, meta allura persuna suspettata kellha l-jedd li titkellem ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni tagħha:

"26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal

uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.

27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura *adversarial* tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti <u>Mehmet Zeki Celebi v. Turkey</u> (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:

> *"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that <u>it is only in very exceptional circumstances</u> that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*

28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza <u>Ibrahim and Others v. the United Kingdom</u> tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'*overall fairness*' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza <u>Beuze v. Belgium</u> tad-9 ta' Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.

29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana** deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** tat-3 ta' Diċembru 2019).

30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-

kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali *The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah* (att ta' akkuża numru 11/2015) ma tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija."

Fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Lulju 2021, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Sammut</u>**, il-Qorti Kriminali qalet hekk dwar din il-materja wara li rreferiet fit-tul għall-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin u tal-Qorti Ewropea dwar l-istess:

"Fil-gurisprudenza ndikata iktar il-fuq, ma jistax ma jigix innutat li filwaqt li certu sentenzi jenfazizzaw l-inammisibilta' ta' stqarrija, meta susspetat ma kienx akkumpanjat mill-avukat tieghu qabel u fil-hin tal-interrogazzjoni, *stante* li difett bhal dan ma jistax jigi sanat, sentenzi ohrajn jtennu illi sempliciment ghax susspettat ma jkunx akkumpanjat mill-avukat tieghu qabel u fil-hin tal-interrogazzjoni ma ghandux awtomatikament ifisser li l-istqarrija li hu jkun irilaxxa hija inammissibli u ghaldaqstant tali proceduri ghandhom jigu evalwati fit-totalita' taghhom u jittiehed kont tal-'*overall fairness'* ta' l-istess proceduri.

**<u>Din il-Qorti tinnota b' dispjaċir u tenfasizza li certament ma jistax jingħad li hemm certezza legali u cioe' 'legal certainty' dwar din il-kwisjtoni.</u>**" [sottolinear ta' dik il-Qorti]

B'mod partikolari, il-Qorti rreferiet ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello</u>**, fejn bħal fis-sentenza fil-każ ta' **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf, Josephine Wadi</u>**, tal-istess jum, dik il-Qorti kkonkludiet hekk dwar stqarrijiet rilaxxjati fiż-żmien meta suspettat ma kellux id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu:

"***<u>23. Għaldaqstant magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment b'dan illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu il-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju ta'l-istqarrija rilaxxati mill-akkużat jekk jirrizulta illi dawn ma ttieħdux skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-</u>***

***<u>deċiżjoni Beuze hawn fuq iċċitata. Fuq kollox, għall-appellat dejjem jibqa' id-dritt tiegħu li jitlob reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu.</u>***"

Dwar dan il-Qorti Kriminali kompliet hekk:

> "**<u>Din il-Qorti temfasizza li nonostante l-fatt li l-legislatur ma ghamilx regola li teskludi l-ammissjoni ta' stqarrija rilaxxata fi zmien fejn suspettat ma kellux id-dritt li jkollu Avukat prezenti suspettat, tqis li wiehed ma jistax jistenna li l-legislatur sejjer jindika c-cirkostanzi kollha ta' meta prova ma ghandhiex valur probatorju. Izda d-decizjoni dwar jekk prova ghandhiex valur probatorju ghandha tithalla fid-diskrezzjoni tal-Qrati.</u>**
>
> **<u>Din il-Qorti in oltre' taghmilha cara li ma taqbilx li stqarrija rilaxxata minghajr ma persuna tkun inghatat id-dritt li jkollha Avukat prezenti qabel u waqt it-tehid tal-istqarrija ghandha tibqa' in atti</u>, tiġi murija l-gurati u li jkun fl-indirizz li l-Qorti taghti direzzjoni lil gurati dwar il-valur probatorju taghha. Wiehed ma jistax jinsa' li meta si tratta ta' gurati ta' fatt, ma jistax jinghad li bil-fatt li l-Imhallef ikun ta' direzzjoni sabiex l-istqarrija ma tinghatax valur probatorju sejjer jiġi assigurat li l-gurati mhumiex se jkunu gia influwenzati b'dak imnizzel fl-istqarrija li tkun a disposizzjoni taghhom**." [enfasi ta' dik il-Qorti]

L-istess Qorti mbagħad irreferiet għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-istess jum ossia tas-27 ta' Jannar 2021 fl-ismijiet **<u>Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat</u>** fuq ċitata, kif ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **<u>The Police vs Alexander Hickey</u>** tal-istess jum, fejn il-Qorti Kostituzzjonali waslet għall-konklużjoni differenti, u fl-aħħar każ iddeċidiet li ma kellux isir użu mill-istqarrijiet tal-imputat minkejja l-fatt li dawn kienu ġew anke ikkonfermati bil-ġurament u kienet ġiet reġistrata ammissjoni fil-mori tal-proċeduri. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar madankollu jrid jingħad ukoll illi l-imputat kien għadu minuri meta rrilaxxja l-istqarrijiet tiegħu u tenut kont ta' ċirkostanzi oħrajn imsemmija fl-istess sentenza, seta' jiġi meqjus bħala persuna vulnerabbli.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kriminali mbagħad irreferiet ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Clive Dimech vs Avukat Ġenerali</u>**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fejn ingħad hekk:

> "Illi l-Qorti sejra tibda biex titratta t-tieni eċċezzjoni tal-intimat għaliex jekk din tintlaqa' ma jkunx hemm ħtieġa li teżamina l-eċċezzjonijiet l-oħrajn. Huwa skontat li m'hemm l-ebda jedd fundamentali taħt Art. 39 tal-Kostituzzjoni jew taħt Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-

assistenza t'avukat waqt l-interrogazzjoni bħala tali. Hemm jedd fundamentali għal smiegħ xieraq. Biex jiġi stabbilit ksur ta' dan il-jedd, irid jiġi eżaminat il-proċess – f'dan il-każ proċess kriminali – fit-totalita` tiegħu u mhux jiġi maqsum biex issir enfasi fuq xi episodju partikolari. F'dan il- każ il-proċeduri għadhom fil-bidu tagħhom u għalhekk mhux possibbli f'dan l-istadju li l-Qorti tbassar kif sejjer ikun l-iter proċesswali sħiħ. Dan ma jfissirx li element proċedurali partikolari ma jistax minnu nnifsu ikun tant deċiżiv li l-korrettezza tal-proċess ma tkunx tista' tiġi ddeterminata qabel. Imma f'dan il-każ il-Qorti ma tista' ssib l-ebda ċirkostanza bħal din. Ir-rikorrent ġie avżat, skont id- disposizzjonijiet tal-liġi kif kienet dak iż-żmien, bid-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogazzjoni. Huwa rrinunzja għal dan id-dritt. Huwa minnu li waqt l-interrogazzjoni ma kienx assistit minn avukat u ma ġiex infurmat li għandu dritt bħal dan. B'danakollu ġie mwissi li kellu d-dritt li ma jweġibx għad-domandi u fil-fatt ir-rikorrent ma wieġeb għall-ebda domanda li saritlu. Għalhekk ma jirriżultax – dejjem f'dan l-istadju - li r-rikorrent sofra xi nuqqas ta' smiegħ xieraq. Ma ressaq l-ebda prova li bis-silenzju tiegħu seta' nkrimina ruħu;"

F'dan ir-rigward, il-Qorti Kriminali kompliet hekk:

"Sussegwentament, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **'Clive Dimech v. Avukat Generali'** datata is-27 ta' Jannar, 2021 ipprovdiet illi peress li l-akkuzat ma wiegeb ghall-ebda domanda waqt l-interrogazzjoni, din ma kienitx ser tkun ta' pregudizzju ghall-istess akkuzat. Minkejja dan, **din il-Qorti xorta wahda enfasizzat li jkun floku li fil-proceduri kriminali ma jsirx uzu mill-istqarrija bhala prova**.

L-akkuzat, Clive Dimech, ghazel li ma jwegibx ghal mistoqsijiet maghmula lilu u ghaldaqstant l-istqarrija ma kienitx wahda nkriminanti. Madankollu, il-Qorti xorta wahda pprovdiet illi din m'ghandiex tintuza bhala prova u ghal din ir-raguni din is-sentenza hi ta' sinifikat.

Sal-lum il-gurnata, ghadu mhux stabbilit b'certezza jekk ikunx hemm ksur ta' dritt tas-smiegħ xieraq meta akkuzat kemm qabel kif ukoll matul l-istqarrija ma jkunx akkumpanjat mill-avukat tal-fiducja tieghu meta l-ligi dak iz-zmien ma kienitx tipprovdi ghal dan id-dritt u ghaldaqstant din l-istqarrija ghandiex tigi sfilzata o meno. Din il-Qorti ma ghandhiex il-kompetenza li tqis jekk hemmx possibilita' ta' ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq, izda ghandha tqis biss jekk l-istqarrija hiex inammissibli jew le.

Fis-sentenza ricentissima fl-ismijiet '**Christopher Bartolo vs Avukat ta l-Istat'**[19], Il-Qorti ddecidiet bl-istess mod ta' kif iddecidiet fis-sentenzi

[19] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju, 2021.

**<u>Onuorah Morgan vs Avukat Generali</u>** u **<u>Clive Dimech vs Avukat Generali</u>** indikati supra. Din il-Qorti rreteniet is-segwenti:

> *74. Daqshekk huwa importanti li stqarrija tittieħed bil-garanziji kollha li jħarsu d-drittijiet ta' min ikun qiegħed jirrilaxxja għaliex l-ammissjoni hija wara kollox ir-regina tal-provi. Di fatti Karen Reid fil-ktieb 'A practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights' (Tielet Edizzjoni) f'paġna 70: "While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole,* ***<u>a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall</u>." Iġifieri, prova waħda ottenuta kontra l-liġi, tista' waħedha tikkontamina l-proċess kollu****.*

Ghaldaqstant il-Qorti kkonkludiet bis-segwenti:

> *79. Il-Qorti qed tipprova tirrinkonċilja l-fatt, fid-dawl ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018.* ***<u>Dik il-Qorti ordnat, li biex ma jseħħx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar użu fil-proċeduri kriminali miż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent. Fid-dawl ta' din l-ordni, din il-Qorti ma tistax tifhem b'liema tiġbid tal-immaġinazzjoni tista' tasal għall-konklużjoni li l-konferma bil-ġurament ta' dawk l-istqarrijiet quddiem il-Maġistrat ma għandhomx ukoll ikunu mwarrbin. Kważi kwazi dan għandu xebħ mal-każ fejn dokument oriġinali jitwarrab iżda mhux il-kopja tiegħu. Il-konferma bil-ġurament hija unikament imsejsa fuq l-istqarrijiet u kwalunkwe ammissjoni kienet ukoll b'konsegwenza tal-istess</u>***.
>
> *80. Għalhekk anke f'dan ir-rigward, din il-Qorti ssib li ġew leżi l-artikolu 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament.*" [enfasi ta' dik il-Qorti]

Il-Qorti Kriminali mbagħad ikkonkludiet hekk fis-sentenza tagħha:

> "**<u>Illi ghal darba ohra din il-Qorti qed tenfasizza illi m'ghandiex kompitu tiddecidi kienx hemm ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq, madankollu ghandha kompitu li tiddecidi fuq l-ammisibilta' o meno tal-istqarrija tal-akkuzat u dan anke meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-*overall fairness* tal-proceduri.</u>**

B'referenza ghal punti elenkati f'**<u>Beuze</u>** aktar il-fuq, fost ohrajn, jirrizulta illi l-akkuzat kien maggorenni u ma ngghabet l-ebda prova li dan b'xi mod jista' jiġi kkunsidrat bhala vulnerabbli. Ma jirrizultax illi c-

cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienet intimidanti u l-istess stqarrija inghatat volontarjament.

Irid jiġi enfasizzat illi meta l-akkuzat irilaxxa din l-istqarrija, il-ligi taghna ma kinietx tipprovdi ghad-dritt ta' l-assistenza legali **qabel u waqt** l-interrogazzjoni. Hawn hekk il-Qorti terga' taghmel referenza ghas-sentenzi sucitati fosthom **Borg vs Malta** u **Navone and Others v. Monaco** fost ohrajn, fejn gie ritenut illi jekk l-akkuzat/suspettat ma bbenifikax mid-dritt ta' l-assistenza legali minhabba *systematic restriction*, allura jirrizulta ksur ta' Artiklu 6 ta' Konvenzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

Din il-Qorti tinnota illi ma gewx imressqa xi ragunijiet impellanti - "*compelling reasons*" - sabiex l-akkuzat ma jithalliex ikollu avukat prezenti kemm qabel u kemm waqt l-interogazzjoni tieghu u *stante* li l-unika raguni kienet ta' restrizzjoni sistematika.

Fl-istqarrija tieghu l-akkuzat Sammut qieghed jaghti rendikont dettaljat, fejn fih qieghed jammetti l-involviment tieghu fir-reati li permezz taghhom qieghed jigi akkuzat. Ghaldaqstant u minghajr ebda dubju, din l-istqarrija thalli mpatt sinifikanti fuq il-proceduri kontra l-akkuzat.

Issir referenza ghas-sentenza ricenti moghtija minn din l-istess Qorti kif preseduta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Tony Curmi**[20], liema sentenza ma ġietx appellata mill-Avukat Ġenerali, fejn il-Qorti ccitat id-diversi sentenzi msemmija f'din l-istess sentenza u wara li gibdet l-attenzjoni dwar id-divergenzi tas-sentenzi moghtija fuq dan is-suggett u l-importanza tal-*legal certainty*, ikkonkludiet billi ddikjarat l-istqarrija ta' l-akkuzat inammissibli u sussegwentament talbet l-isfilz taghha. Din is-sentenza giet segwita wkoll b'zewg sentenzi ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Yousef Essesi**[21] u **Il-Pulzija vs Kevin Tabone**[22] li gew decizi bl-istess mod.

Din il-Qorti filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat hija leziva tad-drittijiet tal-akkuzat, in vista tal-fatt li l-Qrati ghadhom sal-lum il-gurnata jaghtu direzzjonijiet differenti dwar stqarrija li giet mehuda minghajr ma l-akkuzat kellu assistenza legali, kemm qabel, kif ukoll waqt l-istqarrija, fl-interess tal-gustizzja u l-integrita' tal-process, **din l-istqarrija hekk rilaxxata fid-9 ta' Settembru, 2009 f' 16.54pm u tinsab a fol 31 et sequitur tal-atti ta' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, kif ukoll l-istess stqarrija li giet igguramentata mill-akkuzat nhar 14 ta' Settembru, 2009 quddiem il-Magistrat Antonio Micallef Trigona u li**

[20] Deċiża mill-Qorti Kriminali fid-9 ta' Frar, 2021.
[21] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu, 2021.
[22] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Marzu, 2021.

> **<u>tinsab a fol. 83 tal-process u kull referenza ghaliha, ghandhom jigu ddikjarati inammissibli</u>**." [enfasi ta' dik il-Qorti]

Fil-każ odjern, huwa evidenti illi n-nuqqas li l-imputata tingħata l-jedd li tottjeni parir legali qabel u waqt l-interrogatorju tagħha, inkluż ukoll meta xehdet quddiem il-Maġistrat tal-Għassa, fejn ikkonfermat l-istqarrija rilaxxjata minnha lill-Pulizija Eżekuttiva bil-ġurament, ma kienx nuqqas li ma sarraf fl-ebda preġudizzju għaliha, stante li hija għamlet dikjarazzjonijiet inkriminanti. F'dan il-kuntest, il-Qorti qed tqis ukoll illi fiż-żmien in kwistjoni, l-imputata kienet għadha minuri ta' sittax-il sena, b'fedina penali netta u li għalhekk ma kellha l-ebda esperjenza preċedenti ta' interrogatorju, kif ukoll illi apparti li ma ngħatatx id-dritt għall-assistenza legali, lanqas ma ngħatat l-opportunita` li tkun akkumpanjata minn ġenitur waqt l-interrogatorju tagħha. Il-Qorti għalhekk tqis illi fiċ-ċirkostanzi, ikun iżjed għaqli li timxi fuq il-passi li mxiet fuqhom il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi fuq ċitati, kif ukoll il-Qorti Kriminali fis-sentenza fuq imsemmija, u tiskarta l-kontenut tal-istqarrija meħuda lill-imputata u x-xhieda tagħha quddiem il-Maġistrat Dr. Giovanni Grixti tal-istess jum, mingħajr il-jedd li tottjeni parir legali qabel u waqt l-interrogatorju tagħha, bħala prova inammissibbli.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fir-rigward tax-xhieda ta' terzi persuni, il-Qorti tinnota li apparti li ġiet esebita l-istqarrija ġuramentata ta' BC, ġew esebiti wkoll l-istqarrijiet ġuramentati ta' **Mark Calleja** u **Clayton Muscat**, iżda dawn baqgħu ma ttellgħux bħala xhieda mill-Prosekuzzjoni fil-mori tal-proċeduri odjerni.

Irid jingħad illi l-istqarrija ġuramentata ta' **Clayton Muscat** mhijiex relevanti għall-fini tal-proċeduri odjerni fil-konfront tal-imputata u għaldaqstant il-Qorti mhijiex ser tidħol fil-kwistjoni dwar jekk din għandhiex siwi probatorju f'dawn il-proċeduri. Mhux l-istess jista' jingħad madankollu fir-rigward tal-istqarrija ġuramentata ta' Mark Calleja.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Pierre Gravina</u>** tas-26 ta' Mejju 2003, fejn ingħad is-segwenti:

> "Issa huwa principju generali li "…ix-xhieda ghandhom dejjem jiġu eżaminati fil-Qorti u viva voce" (Artikolu 646(1), Kap. 9). Għal din ir-regola, pero`, hemm ċerti eċċezzjonijiet li jipprovdi għalihom l-istess Artikolu 646 fis-subartikoli li jiġu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eċċezzjoni tad-deposizzjoni meħuda in segwitu għall-ħrug ta' ittri rogatorjali bil-proċedura traċċjata fl-Artikolu 399 tal-Kodiċi Kriminali,

proċedura li ġiet ritenuta applikabbli anke għal kawżi sommarji (ara Il-Pulizija v. Angelo Grima App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u li fil-prattika ġiet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi każijiet wara l-ħruġ tal-att ta' akkuża. U hemm l-eċċezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minħabba mard jew xjuħija (Art. 647, Kap. 9). Jiġi osservat li anke fil-każ ta' xhieda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemgħu f'darhom, l-imputat jew akkużat għandu dejjem il-jedd li jkun presenti waqt is-smigħ tax-xhud jew li jaħtar rappresentant tiegħu għal waqt tali smigħ – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha ċara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eċċezzjoni, pero` mhux eċċezzjoni għar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali iżda għar-regola kontenuta fl-Artikolu 661 ta' l-istess Kodiċi. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel użu minn dikjarazzjoni ġuramentata meħuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola għandha tkun li minn ikun għamel dik l-istqarrija għandu jinġieb fil-qorti biex l-imputat jew akkużat ikun jista' jikkontroeżaminaħ dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jiġi eżaminat jew kontro-eżaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni ġuramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittieħed bħala prova kontra l-akkużat; il-gudikant jista' xorta waħda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal għall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija ġuramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bħala regola, min ikun għamel tali stqarrija ġuramentata għandu jinġieb il-qorti għall-fini ta' kontroll da parti tal-akkużat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza **Kostovski v. Netherlands** (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkużat li jikkonfronta xhud miġjub kontra tiegħu

**does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings**[23]."

Fil-każ in diżamina Mentosa la ġie prodott mill-prosekuzzjoni fil-qorti peress li kien telaq minn Malta definittivament, u anqas ittiehdet id-deposizzjoni tiegħu permezz tal-proċedura tar-rogatorji. L-ewwel qorti, għalhekk, kellha tiskarta l-istqarrija ġuramentata tiegħu u mhux, kif effettivament għamlet, tistrieħ in parti fuqha…".

---

[23] (1990) 12 E.H.R.R.434, para. 41.

F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll illi:

> "Għal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma teskludix l-ammissibilita` ta' stqarrijiet magħmula minn persuni li in segwitu qatt ma jinġiebu bħala xhieda fil-proċess. Dak li dik il-Qorti tara biex tiddetermina jekk kienx hemm jew le smiegħ xieraq hu jekk dawk l-istqarrijiet kienux l-unika prova kontra l-akkużat, jew kinux altrimenti prova determinanti biex huwa jinstab ħati." [sottolinear ta' din il-Qorti]

Fl-istess sens hija wkoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' April 2010, flismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco**, fejn ingħad illi:

> "S'intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi Kriminali (eċċetwat l-Artikolu 661 tal-istess Kodici, li għalih l-Artikolu 30A jagħmel deroga espressa). Issa, l-Artikolu 549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta' Maġistrat taħt is-subartikoli (12) u (13) tal-Art. 24A tal-Kap. 101 hija forma ta' inkjesta dwar l-in genere b'modalitajiet kemm xejn differenti meħtieġa għall-finijiet tal-istess Kap. 101) u 646(2) tal-Kap. 9 huma ċari fil-portata tagħhom: id-deposizzjoni regolarment mogħtija fl-inkjesta dwar l-in genere … tista' tingieb bhala prova, u mhux sempliċiment għall-finijiet ta' kontroll, basta, pero`, li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce … ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab… (ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646)."

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-6 ta' Lulju 2016, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat**, wara li dik il-Qorti għamlet referenza għall-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta[24], kif ukoll għall-Artikolu 661 tal-Kap. 9, li għalih l-imsemmi Artikolu 30A jagħmel eċċezzjoni, ingħad hekk dwar dan:

> "Issa allura dan ifisser illi ai termini tal-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo ghandhom jitqiesu illi huma 'a competent witness' fil-konfront tal-akkuzat ghalkemm fiz-zmien meta huma offrew id-depozizzjoni taghhom kienu ghadhom jitqiesu bhala ko-akkuzati billi l-proceduri kriminali fil-konfront taghhom dwar l-istess fatti addebitati lill-akkuzat odjern kienu ghadhom ma gewx konkluzi. Li hu cert huwa illi sakemm il-kaz taghhom jigi deciz dawn iz-zewg xhieda ma humiex 'a compellable witness' u cioe' ma jistghux jigu imgieghla jaghtu id-depozizzjoni taghhom billi ghandhom id-dritt sancit mill-

[24] Fil-każ ta' reati taħt il-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 121B tal-istess Kapitolu, li huwa identiku għall-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi ma jwiegbu ghall-ebda mistoqsija li tista' b'xi mod tinkriminahom. Fil-fatt meta huma offrew id-depozizzjoni taghhom matul il-kumpilazzjoni ghazlu li juzufruwixxu minn dan il-jedd u ma xehdux. Issa id-difiza targumenta illi gialadarba l-akkuzat ma nghatax il-jedd li jikkontrolla dak mistqarr minn dawn it-tnejn min-nies fl-istqarrija guramentata taghhom li tinsab esebita in atti, din il-prova f'dan l-istadju hija inammissibbli u ghandha tigi skartata u dan fid-dawl ta' dak deciz superjorment fid-decizjoni ta' 'Gravina' supra citata. Dan ghaliex l-artikolu 30A ma huwiex eccezzjoni ghal dak dispost fl-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali fejn hemm espressament stipulat illi "**ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-Qorti u viva voce**."

Illi l-akkuzat kien ikollu ragun fl-argumenti minnu imressqa li kieku dawn iz-zewg xhieda ghazlu li ma jixhdux matul is-smigh tal-guri. Illi allura il-Qorti u cioe' l-Imhallef togat ikun irid necessarjament jaghti direzzjoni lill-imhallfin tal-fatti u cioe` lill-gurati meta jigu biex jiznu din il-prova mressqa mill-Prosekuzzjoni. Izda dan jista' isir biss fl-istadju meta allura ikun qed jinstema' il-process penali fil-konfront tal-akkuzat. Illi ghalhekk ghalkemm gustament l-akkuzat talab id-direzzjoni tal-Qorti f'din l-ewwel eccezzjoni sollevata minnu ghar-rigward tal-validita' probatorja tal-istqarrijiet guramentati li jinsabu fl-atti bhala prova li giet kumpilata fl-istadju li jipprecedi l-guri mill-Qorti Istruttorja, madanakollu huwa prematur ghall-Qorti li tiddikjara tali prova bhala wahda inammissibbli meta z-zewg xhieda Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo it-tnejn indikati bhala xhieda tal-Prosekuzzjoni ghad iridu joffru id-depozizzjoni taghhom fil-guri. Izda jekk f'dak l-istadju huma jiddikjaraw li ser jaghzlu li ma jixhdux biex ma jinkriminawx irwiehom fil-process penali li jkun ghadu pendenti fil-konfront taghhom, imbaghad f'dak l-istadju il-gurati ghandhom jigu ggwidati meta jigu biex jiznu il-valur probatorju tal-istqarrijiet guramentati u dan ghaliex "**The right to a fair administration of justice holds so prominent a place in a democratic society that it cannot be sacrificed to expediency**."

Dan ghaliex kif gie deciz fil-kaz Luca v Italy [(2003) 36 EHRR 46], inghad mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:-

"**As the court has stated on a number of occasions . . . it may prove necessary in certain circumstances to refer to depositions made during the investigative stage (in particular where the witness refuses to repeat his deposition in public owing to fears for his safety, a not infrequent occurrence in trials concerning Mafia-type organisations). If the defendant has been given an adequate and proper opportunity to challenge the depositions, either when made or at a later stage, their admission in evidence will not in itself contravene Article 6.1 and 3(d). The corollary of that, however, is**

**that where the conviction is both solely or to a decisive degree based on depositions that had been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether during the investigation or at the trial, the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6**."

Dan ifisser allura illi hemm erba' kriterji li jridu jigu ikkunsidrati:

1. Illi x-xhieda bhala regola trid tinghata viva voce fil-Qorti fejn l-akkuzat ikollu kull opportunita' li jikkontrolla dak li jghid ix-xhud.

2. Il-fatt illi x-xhieda ma jixhdux madanakollu ma ghandux iwassal ghall-inammissibilita` tal-istqarrija minnhom rilaxxata fl-istadju tal-investigazzjonijiet jew fil-pre-trial stage u dan ghaliex irid jittiehed in konsiderazzjoni l-fatturi kollha tal-kaz, bhal per ezempju fil-kaz meta xhud ma jistax jingieb jixhed ghax ikun miet.

3. L-affidabbilita ta' dik l-istqarrija u tax-xhud li jkun irrilaxxjaha.

4. Finalment jekk dik ix-xhieda guramentata wahedha hijiex l-unika prova inkriminanti u deciziva fil-konfront tal-persuna akkuzata."

Stabbiliti dawn il-prinċipji legali, il-Qorti tqis illi għandha tistabilixxi x'valur probatorju għandha tingħata l-istqarrija ġuramentata ta' Mark Calleja, li kif ingħad, baqa' ma xehedx f'dawn il-proċeduri. Għalkemm ir-raġuni għal dan baqa' ma ġiex dikjarat formalment mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proċeduri, huwa evidenti mill-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2011, illi fil-konfront tal-istess Mark Calleja, ukoll kien hemm proċeduri kriminali pendenti in konnessjoni mal-każ odjern.[25] Ma jirriżultax altrimenti illi kien hemm xi impediment ieħor sabiex jixhed l-istess Calleja f'dawn il-proċeduri.

Jirriżulta mill-atti illi **Mark Calleja** irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-13 ta' Diċembru 2008, u sussegwentement huwa kkonferma din l-isqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Anthony J. Vella nhar il-15 ta' Diċembru 2008.

Il-Qorti tqis illi minkejja li l-istess Mark Calleja baqa' ma xehedx f'dawn il-proċeduri u għalhekk id-difiża baqgħet ma ngħatax l-opportunita` li tikkontro-eżaminah, fid-dawl tal-bqija tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, huwa evidenti illi l-istqarrija kif ġuramentata tal-istess Calleja mhijiex l-unika prova inkriminanti fil-konfront tal-imputata odjerna jew tali li tista' tkun deċiżiva jew determinanti sabiex tinstab ħtija fil-konfront tagħha.

[25] Ara a fol. 15 tal-proċess.

Madankollu, jeħtieġ illi f'dan il-każ, il-Qorti tqis ukoll l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Clayton Azzopardi** tat-13 ta' Frar 2017, fejn il-Qorti qalet hekk dwar stqarrija ġuramentata ta' terza persuna, meta l-ammissibilita` ta' dik l-istqarrija ġuramentata ġiet attakkata mill-imputat fil-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tiegħu:

> "14. Il-kwistjoni li trid tindirizza din il-qorti hawnhekk hija jekk l-istqarrija tax-xhud ewlieni fil-każ tal-attur – u cioè Maria Assunta Vella – hijiex valida u jekk tistax tintuża bħala prova kontra l-attur u dan minħabba l-fatt li l-istess stqarrija ttieħdet mill-pulizija waqt l-interrogazzjoni ta' Maria Assunta Vella mingħajr ma' din kellha l-opportunità sabiex tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha waqt l-interrogazzjoni.
>
> 15. Dan it-tip ta' ilment dwar stqarrija ta' xhud diġà kien trattat fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet "Mario Borg v. Kummissarju tal-Pulizija et. F'dik il-kawża Mario Borg kien ilmenta, inter alia, dwar il-fatt li x-xhieda ewlenin li xehdu fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu ma kellhomx aċċess għal assistenza legali u għalhekk dak in-nuqqas kellu riperkussjonijiet fil-proċeduri fil-konfront tiegħu. Din il-qorti kienet qalet hekk:
>
> »Għalkemm mhux neċessarjament huwa l-każ illi, kif qalet l-ewwel qorti, "F'każ ta` stqarrija li tingħata lill-pulizija, hi biss il-persuna li tagħmel l-istqarrija li għandu jkollha d-dritt li tilmenta li ma kellhiex aċċess għall-avukat u tinvoka ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni" – għax jista' jkun illi min jagħmel l-istqarrija ma jkollux aċċess għal qorti u għalhekk ma jistax jitlob rimedju, iżda xorta jibqa' l-fatt illi l-istqarrija tkun ittieħdet b'abbuż u għalhekk ma tkunx tiswa bħala xiehda – filkaż tallum iż-żewġ xhieda li għamlu l-istqarrija kellhom kull fakoltà li jikkontestawha iżda mhux biss ma għamlux hekk anzi reġgħu tennew dak li qalu f`xiehda ħielsa quddiem il-qorti. Mela jekk min għamel l-istqarrija ma ċaħadhiex u ma ikkontestahiex u ma lmentax li ttieħdet b'abbuż għalkemm kellu kull fakoltà li jagħmel hekk b'aċċess ħieles għal qorti, dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli. «
>
> 16. Din il-qorti adottat dan l-istess raġunament fis-sentenza tagħha mogħtija fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Patrick Spiteri fejn kienet qalet hekk:
>
> »37. Dawn l-aggravji, fil-fehma ta' din il-qorti, huma riżultat ta' malintiż pjuttost mifrux illi min hu akkużat b`reat għandu xi dritt fondamentali illi ma titħalla titressaq ebda xiehda li tista' b`xi mod tkun ta' ħsara għalih, bħallikieku għandu d-dritt ukoll illi f kull każ jinstab mhux ħati u illi l-

equality of arms tfisser illi l-prosekuzzjoni tiġi mċaħħda mill-mezzi biex tipprova l-każ tagħha.

»… … …

»39. … … … ma tressqet ebda prova illi Galea u Cachia lmentaw li dawk l-istqarrijiet ittieħdu bi ksur ta' xi jedd tagħhom, u għalhekk aktar u aktar ma jistax jingħad illi dik l-istqarrija hija illeċita meta min jagħmilha ma jilmentax bi ksur ta' xi jedd tiegħu.

»40. Mela l-premessa ta' Spiteri illi l-istqarrijiet ta' Galea u ta' Cachia huma awtomatikament illeċiti għax ma sarux bl-għajnuna ta' avukat hija ħażina u kull argument mibni fuq dik il-premessa huwa neċessarjament ħażin ukoll.«

17. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, din il-qorti hija tal-fehma li l-fatt waħdu li l-istqarrija ta' Maria Assunta Vella li ttieħdet waqt l-interrogazzjoni tagħha ttieħdet mingħajr ma' kienet assistita minn avukat ma jfissirx, b'daqshekk, li kien hemm ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq tal-attur. Fl-ewwel lok, ix-xhud Maria Assunta Vella li għamlet l-istqarrija kellha kull fakoltà li tikkontestaha iżda mhux biss m'għamlitx hekk anzi reġgħet tenniet dak li qalet f'xiehda ħielsa quddiem il-qorti. La Maria Assunta Vella – il-persuna li għamlet l-istqarrija – ma ċaħdithiex u ma kkontestathiex u ma lmentatx li ttieħdet bi ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħha – għalkemm kellha kull fakoltà li tagħmel hekk b'aċċess ħieles għall-qorti – dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli. Fit-tieni lok, fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu l-attur għandu l-fakoltajiet kollha li jagħtuh il-jedd għal smiegħ xieraq, fosthom l-equality of arms; partikolarment, jista' jagħmel il-kontro-eżami lix-xhud Maria Assunta Vella biex b'hekk isostni bl-aħjar mod id-difiża tiegħu.

18. Għal dawn ir-raġunijiet dan l-ewwel aggravju li ressaq l-attur huwa miċħud."

Issa fil-każ li għandha l-Qorti quddiemha, jirriżulta mill-atti proċesswali illi Mark Calleja, qua imputat fil-proċeduri kontra tiegħu, separati minn dawk tal-lum, iżda li f'punt minnhom kienu qed jinstemgħu kontestwalment mal-proċeduri odjerni, talab l-isfilz tal-istqarrija rilaxxjata minnu mill-atti proċesswali tal-kawża tiegħu, u dan stante illi huwa ma kellux id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu.[26] In oltre, bħall-imputata fil-każ odjern, huwa talab referenza kostituzzjonali sabiex jiġi determinat jekk l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Uffiċjal Investigattiv, kif ukoll dik l-istqarrija kif

[26] Ara a fol. 15 tal-proċess.

ġuramentata, ġietx ottjenuta bid-dritt tiegħu ta' smiegħ xieraq[27], liema talba ġiet deċiża minn din il-Qorti kif diversament preseduta, bid-digriet tal-4 ta' Frar 2013, li għalih saret referenza iżjed 'il fuq. Mhux biss, iżda l-imputata odjerna, bħall-imputati l-oħrajn fi proċeduri separati konnessi ma' dawk tal-lum, talbet ukoll referenza kostituzzjonali dwar l-istqarrijiet ġuramentati ottjenuti minn terzi persuni, inkluż għalhekk dik ta' Mark Calleja, mingħajr id-dritt ta' assistenza legali, liema referenza wkoll ġiet deċiża bid-digriet tal-4 ta' Frar 2013, kif ingħad iżjed 'il fuq.

F'dan ir-rigward, fid-dawl tas-sentenza **Il-Pulizija vs Clayton Azzopardi**, appena ċitata, kif ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-istess Mark Calleja baqa' ma xehedx f'dawn il-proċeduri u għalhekk baqa' ma kkonfermax dak li kien stqarr fl-interrogatorju tiegħu u fix-xhieda tiegħu sussegwenti quddiem il-Maġistrat Dr. Anthony J. Vella, u fid-dawl ukoll tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u tal-Qrati Maltin dwar stqarrijiet rilaxxjati mingħajr il-jedd ta' assistenza legali, li saret referenza ampja għaliha iżjed 'il fuq, il-Qorti tqis illi m'għandhiex tammetti l-istqarrija ġuramentata ta' Mark Calleja bħala prova ammissibbli f'dawn il-proċeduri.

Hawnhekk il-Qorti tqis ukoll in kwantu l-istqarrija ġuramentata ta' BC, illi waqt ix-xhieda tagħha fil-proċeduri odjerni, l-istess xhud qajjmet diversi lanjanzi fir-rigward ta' din l-istqarrija u dan fis-sens illi hija kellha biss sittax-il sena fiż-żmien tat-teħid tal-istess stqarrija, illi ma kinitx akkumpanjata minn ġenitur waqt l-interrogatorju tagħha, illi meta rrilaxxjat l-istess stqarrija kienet inkwetata ferm dwar il-ħabib tagħha Mark Calleja li fil-frattemp kien rikoverat l-isptar f'kundizzjoni kritika, u illi skont hi kienet għadha taħt l-effett tad-droga. Biss il-Qorti jidhrilha illi m'għandhiex għalfejn tidħol fil kwistjoni tal-valur probatorju tal-istqarrija ta' BC, meta fil-fatt jirriżulta ċar kemm mill-istess stqarrija ġuramentata tal-imsemmija xhud, kif ukoll mill-verżjoni li hija tat sussegwentement fil-mori tal-proċeduri odjerni, illi l-istess xhud ma biddlet xejn mill-verżjoni oriġinali tagħha għal dak li jirrigwarda l-involviment tal-imputata odjerna fil-każ odjern; anzi fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, hija kkonfermat fil-maġġor parti tagħha, l-istqarrija li hija kienet irrilaxxjat lill-Pulizija. Dak li biddlet ix-xhud mill-verżjoni oriġinali għal dik li tat fil-proċeduri odjerni kien jikkonċerna l-involviment ta' Mark Calleja, li mhuwiex l-imputat li l-Qorti għandha quddiemha llum. Fil-fatt minkejja li oriġinarjament BC tgħid illi hija u l-imputata ftehmu li jikkunsmaw l-pilloli *ecstasy* f'*party* li kienu ser jattendu għalih xi jiem wara u li għal dan il-għan huma akkwistaw tali pilloli mingħand Calleja, u dan stante illi hija kienet taf li l-istess Calleja kien ibiegħ id-droga minn diskors li kien qalilhom huwa stess, mill-banda l-oħra, fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, hija tinsisti u ssostni fuq li ssostni, illi l-

[27] Ara a fol. 60 tal-proċess.

ftehim sabiex tittieħed l-*ecstasy* waqt il-*party* in kwistjoni kien sar mit-tlieta li huma ossia minnha, mill-imputata u minn Calleja flimkien u l-ħsieb tagħhom kien li dawn jikkonsmaw il-pilloli flimkien fl-istess post u fl-istess ħin, fil-waqt illi tgħid ukoll illi huma ma akkwistawx il-pilloli mingħand Calleja, iżda qablu li jipprokuraha hu għalihom ilkoll, sabiex ma jidhrux huma ma' terzi persuni. Effettivament x'għamel Mark Calleja u kif kien involut f'dan il-ftehim ossia hux minnu jew le li huwa kien bi ħsiebu jikkonsma l-pilloli in kwistjoni flimkien mal-imputata u ma' BC fl-istess post u fl-istess ħin, jew inkella kienx sempliċiment qabel li jipprokura l-pilloli *ecstasy* lill-imputata u lil BC għall-użu tagħhom, huwa rrelevanti għall-vertenza odjerna. Dak li trid tara l-Qorti huwa purament l-involviment tal-imputata f'din il-viċenda – li dwarha BC baqgħet dejjem konsistenti kemm fix-xhieda tagħha quddiem il-Maġistrat Dr. Giovanni Grixti, kif ukoll f'dawn il-proċeduri - u jekk l-aġir tal-istess imputata jistax iwassal għal sejbien ta' ħtija fl-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

Illi jirriżulta mill-verżjoni ta' BC illi hija u l-imputata kienu ftehmu flimkien sabiex jikkunsmaw il-pilloli *ecstasy* fil-*party* fil-lejl in kwistjoni, u li għal dan il-għan flimkien tkellmu ma' Mark Calleja sabiex jipprokuralhom dawn il-pilloli. Jerġa' jiġi rilevat li huwa rrelevanti għall-fini tal-każ odjern jekk il-ftehim tagħhom kienx jinkludi wkoll lil Calleja fis-sens jekk huma kinux ftehmu miegħu li huwa kellu jipprokura l-pilloli għalihom ilkoll sabiex jikkunsmaw l-istess droga flimkien fil-*party* in kwistjoni. Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' BC, illi hija u l-imputata kienu qed jippreparaw għall-*party* flimkien u illi meta ġew biex imorru l-*party* ġewwa Paceville mill-Iklin, l-imputata telgħet f'vettura ma' xi ħadd, fil-waqt illi BC telgħet ma' ħaddieħor u illi BC tat lill-imputata sehmha minn dak li kienu ser iħallsu għall-istess pilloli – fil-fatt jirriżulta illi BC u l-imputata kienu ftehmu li jaqsmu tliet pilloli bejniethom u għalhekk il-pjan kien illi jieħdu waħda u nofs kull wieħed. Jirriżulta in oltre illi BC waslet qabel l-imputata u laħqet daħlet il-*party*, bir-riżultat illi kienet l-imputata waħedha li ltaqgħet ma' Calleja meta dan għaddielha l-pilloli għaliha u għal BC. Skont BC, ma ħarġitx mill-*party* sabiex tiltaqa' magħhom u tottjeni l-pilloli hija wkoll, f'verżjoni minnhom għaliex dak li kienet miegħu fil-*party* ma kienx ikellem lil Calleja u f'verżjoni oħra għaliex ma tħallietx toħroġ mill-*party* qabel nofs il-lejl. Sussegwentement, x'ħin l-imputata daħlet fil-*party*, hija marret ħdejn BC, qaltilha li diġa` kienet ħadet pillola u marru flimkien sabiex BC tikkonsma s-sehem tagħha, fejn dak il-ħin fil-fatt BC belgħet pillola, b'dan illi l-pillola li kien għad fadal mit-tlieta li kienu akkwistaw baqgħet fil-pussess tal-imputata. Iżjed tard wara li Calleja ttieħed l-isptar, l-imputata u BC ġew mitkellma mill-pulizija u l-imputata għaddiet il-pillola li kien għad fadlilhom lill-Pulizija.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputata tinsab akkużata bir-reat ta' traffikar tal-mediċina psikotropika u ristretta *ecstasy* u dan dejjem b'referenza għal dak li seħħ fil-lejl bejn is-7 u t-8 ta' Diċembru 2008. Fil-mori tal-proċeduri, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi dan kien każ ta' *traffikar by sharing*.

Hawnhekk il-Qorti ser tillimita ruħha li tirreferi biss, sa fejn tista', għall-involviment ta' l-imputata fil-każ odjern. Jirriżulta ċar illi l-imputata u BC kienu ftehmu flimkien illi jakkwistaw tlett pilloli *ecstasy* bejniethom sabiex jaqsmuhom fil-lejl tal-*party* in kwistjoni u illi t-tnejn kellhom joħorġu sehem ugwali mill-prezz ta' din id-droga. Peress illi Calleja baqa' jittama li l-imputata u BC ma jmissux mad-droga u illi jbiddlu l-ħsieb tagħhom li jikkunsmaw pilloli *ecstasy*, dawn ftehmu illi jiltaqgħu dakinhar stess tal-*party* sabiex Calleja jgħaddilhom dawn il-pilloli u allura huma jħallsuh dakinhar.

Għalkemm l-imputata u BC kellhom il-ħsieb li jikkonsmaw id-droga flimkien, fl-istess post u fl-istess ħin, ġara illi dakinhar tal-*party*, stante illi marru Paceville f'vetturi separati, dawn waslu hemmhekk f'ħinijiet differenti, bir-riżultat illi BC daħlet il-*party* qabel l-imputata, u l-imputata ltaqgħet ma' Calleja waħedha, qabel daħlet il-*party*, fejn dan għaddielha l-pilloli għaliha u għal BC. L-imputata ħadet parti mis-sehem tagħha tal-pilloli ossia pillola waħda qabel daħlet il-*party* u hekk kif iltaqgħet ma' BC fil-*party*, din tal-aħħar, fil-presenza tal-imputata, ikkunsmat parti mis-sehem tagħha tal-pilloli ossia pillola *ecstasy* u għalhekk fil-pussess tal-imputata kien baqa' pillola waħda, li kellha tinqasam bejnha u bejn BC. In oltre jirriżulta wkoll illi BC kienet għaddiet is-sehem tagħha mill-prezz tal-pilloli lill-imputata dakinhar stess qabel waslu Paceville, u BC kien jonqosha tiġbor xi bqija mingħand l-imputata.

Huwa evidenti illi f'dan il-każ l-imputata u BC ma kkunsmawx id-droga fl-istess post u fl-istess ħin u lanqas ma kien il-każ illi l-imputata għaddiet lil BC mid-droga li hija kienet akkwistat għaliha biss. Lanqas ma jista' jingħad illi l-imputata indaħlet sabiex takkwista jew tottjeni d-droga mingħand Calleja fuq talba ta' BC. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti ma jistax jingħad illi dan kien każ ta' traffikar *by sharing*, kif tgħid il-Prosekuzzjoni, iżda kien każ ta' ko-akkwist jew *joint acquisition* tal-pilloli *ecstasy* da parti tal-imputata u BC flimkien.

Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-25 ta' Novembru 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ryan Galea**. F'dak il-każ l-appellant u t-tfajla tiegħu ddeċidew illi jixtru d-droga *cannabis* flimkien. Il-flus sabiex tinxtara din id-droga ħarġithom it-tfajla u ċioe` l-għarusa tal-appellant. Ġara pero` illi meta huma marru sabiex jixtru d-droga, l-appellant kien qed isuq il-vettura u meta waqfu, il-fornitur mar fuq in-naħa tal-appellant u għadda d-droga fiżikament lilu, filwaqt illi dan ħallas bil-flus li kienet tagħtu t-tfajla tiegħu. Meta ħa d-droga, huwa għaddielha parti minnha,

stante illi dik id-droga kienet intiża għat-tnejn li huma. F'dan ir-rigward, il-Qorti qalet hekk:

> "Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn il-fatti ma jwasslux sal-estremi ta' traffikar tad-droga da parti ta' l-appellant. Mhux kaz ta' 'sharing' tad-droga fis-sens li hu biss gja kellu id-droga, kien xtraha jew ottjeniha hu biss u ta minnha lil terzi. Il-fatti rizultanti ma jinkwadrawx ruhom fl-elementi kompleti rikjesti ghal traffikar ta' droga, izda semplicement ta' pussess illegali taghha."

Il-Qorti ser tagħmel referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell deċiża fil-11 ta' April 2002 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs David Gatt</u>**. F'dak il-każ żewġ ġuvintur instabu fil-pussess ta' siringi, droga u s-somma ta' Lm515 fi flus kontanti. Tfittxija fid-dar tal-imputat wasslet għal sejba ta' aktar oġġetti relatati mal-użu tad-droga. Fl-istqarrija tiegħu, Gatt wieġeb illi d-droga kienet inxtrat flimkien ma' sieħbu, u kull wieħed ħareġ is-sehem tiegħu. F'dan il-każ ukoll saret referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Ryan Galea</u>**, *supra citata,* u l-Qorti tenniet hekk:

> "Illi din il-Qorti pero' tosserva li fl-ahhar sentenza, il-Qorti kienet qed tara l-elementi kostituttivi tar-reat ta' biegh jew xort' ohra traffikar tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis kontemplat fl-art. 8(b) tal-Kap.101 u mhux dawk tar-reat dedott kontra l-appellat fit-tieni imputazzjoni u cioe' dak kontemplat fir-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939). Fit-tieni lok **<u>qari attent tal-bran tas-sentenza fuq citat juri bic-car li dik il-Qorti kienet arginat l-interpretazzjoni taghha u iddistingwiet bejn kaz bhal dak li rrizulta f'dak l-appell u kaz fejn persuna ikollha id-droga hi biss, tkun xtratha jew ottjenietha hi biss u umbaghad tati minnha lil terzi. Fil-waqt li fis-sentenza citata irrizulta li kien wiehed fejn guvni u tfajla kienu xtraw u akkwistaw flimkien kontestwalment u ippartecipaw it-tnejn fl-akkwist, billi wiehed saq ghal fuq il-post tal-akkwist mal-ohra u hallas bil-flus taghha li kienet mieghu, dik il-Qorti iddistingwiet dak il-kaz minn kaz fejn l-akkwist ma jsirx flimkien.</u>**" (enfasi miżjuda)

Fil-każ ta' **<u>Il-Pulizija vs David Gatt</u>** il-fattispecie kienu differenti u l-Qorti osservat illi:

> "... anki jekk riferibbilment ghall-qartas li instab fuq l-appellat fis-7 ta' Frar, 1999, seta' kien hemm il-figura tal-"joint acquisition" li skond l-ahhar sentenza citata ma tikkontjenix l-elementi ta' biegh jew traffikar ta' raza tal-cannabis u - b'analogija imgebbda favur l-appellat - anki il-figura ta' ipprokurar jew offerta ta' forniment tad-droga eroina li tahtha kien akkuzat l-appellat quddiem l-ewwel Qorti, jirrizulta "ex admissis" u

> minghajr ekwivoci li **fix-xahrejn ta' qabel** is-7 ta' Frar, 1999, **kien hemm okkazzjonijiet fejn l-appellat kien xtara id-droga eroina wahdu u umbaghad qasamha ma' Richard Cilia**." (enfasi miżjuda)

L-istess konklużjoni ntlaħqet mill-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia** deċiża fis-17 ta' Marzu 2005 fejn il-Qorti tal-Appell wara li għamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ryan Galea**, u osservat illi fiż-żewġ każijiet il-fattispecie kienu "*analogi, jekk mhux addirittura identici*", kompliet tgħid hekk:

> "Issa fil-kaz in ezami id-droga ghalkemm fizikament inghatat f' idejn l-appellanti mit-traffikant, kienet qed tinxtara flimkien ma' Magro u bi flus Magro stess, li ukoll gab is-siringi biex id-droga tkun tista' tigi somministrata lilu. Ghalhekk hawn kien hawn koakkwist minn Magro u l-appellanti.
>
> Din il-Qorti ghalhekk tara li l-fattispecji tal-kaz in dizamina jinkwadraw ruhom kwazi b' mod identiku mall-kaz ta' Ryan Galea u ghall-istess ragunijiet tirritjeni li bil-fatt innifsu li l-appellanti injettat lin-namrat taghha bi droga li huma kienu akkwistaw flimkien sahansitra bil-flus tal-istess namrat taghha li kien ukoll gab mieghu s-siringi, kif irrizulta lill-Ewwel Qorti, ma jissussistix ir-reat ta' traffikar izda dak biss ta' pussess."

Din il-linja ta' ħsieb ġiet ukoll kondiviża fis-sentenza fl-ismijiet **The Police vs Richard Alistair Cranston** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Ġunju 2017. F'dan il-każ ukoll tfajla u ġuvni illi kienu f'relazzjoni flimkien, it-tnejn kienu jabbużaw mid-droga u akkwistaw id-droga flimkien. Il-Qorti kkonkludiet illi f'dan il-każ "*drugs were acquired jointly for both their use. The fact that they had joint possession for their own use meant that what we are faced with here is a case of simple possession.*"

Il-Qorti sejra wkoll tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omissis** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru 2015 fejn id-difiża argumentat illi dan kien każ li jinkwadra ruħu taħt *trafficking by sharing*, biss il-Qorti qalet hekk:

> "Dan ifisser illi l-appellanti kien a priori akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil shabu. Fil-fatt ikompli ighid illi kienu shabu stess li indikawlu il-persuna minn ghand min kellu imur jixtrihom, izda ma xtaqx isemmi min kienu dawn shabu. Ighid fil-fatt illi huwa hallas ghalihom bi flusu u bil-flus li kien gabar minn ghand dawn shabu. Dan ghalhekk huwa kaz car u klassiku ta' persuna li qed tindahal biex tmur tixtri d-droga (f'dan il-kaz pilloli ecstasy) sabiex tipprovdieha lil terzi u

> mhux bhal fil-kaz indikat mil-legislatur ta' dik il-persuna li akkwistat d-droga li imbaghad taqsamha ma' terzi fl-istess post u fl-istess hin li kienet qed tikkonsmaha hi, bhal per ezempju dik il-persuna li ikollha xi joint u tiddeciedi taqsmu ma' haddiehor. Minn dak li ighid l-appellanti stess huwa gie inkarigat sabiex jakkwista id-droga ghal haddiehor, tant illi gie mghoddi il-flus minn ghand shabu sabiex huwa jakkwista il-pilloli ghalihom. Allura hawn temergi il-figura tal-mandant, li qed jigi mibghut minn haddiehor biex jakkwistalu id-droga. Illi huwa minnu illi dawk il-pilloli, hekk akkwistati u mghoddija lil shabu kienu ser jigu ikkunsmati fil-party li attendew ghalih, izda ma jistax jinghad illi dan jikwadra ruhu fit-tifsira, anke dik komuni, moghtija lil kelma "sharing" li necessarjament timplika il-pussess ta' oggett f'idejn persuna li ma izzommhiex biss ghalih, izda jaqsamha ma' haddiehor. U allura minn hawnhekk tohrog l-interpretazzjoni moghtija mill-qrati taghna tal-kuncett tal-komunanza. Jekk persuna jakkwista oggett ghan-nom ta' terz, ma jistax jinghad li qieghed jaqsam dak li ghandu hu fil-pussess tieghu ma' dak it-terz. Illi huwa proprju dan li gie imfisser fid-decizjonijiet Il-Pulizija v. Russell Bugeja u Il-Pulizija v. Marco Galea, decizi it-tnejn fil-5 ta' Mejju 2008 u li ghalihom taghmel referenza l-Ewwel Qorti fi-decizjoni impunjata.
>
> Illi huwa minnu illi il-qrati taghna jigu rinfaccjati spiss b'sitwazzjonijiet simili bhal dik li instab fiha l-appellanti, fejn grupp hbieb jinkarigaw lil wiehed minnhom sabiex jaghmel l-akkwist ghan-nom taghhom lkoll, u li tali persuna tispicca ikollha tiffaccja akkuzi dwar traffikar jew pussess aggravat. Izda ma jidhirx illi l-legislatur kellu f'mohhu dawn ic-cirkostanzi, li ghalkemm jimmeritaw l-attenzjoni tieghu, madanakollu ma jinkwadrawx rwiehom fid-dispost tal-ligi li jikkontempla 'l hekk imsejjah t-trafficking by sharing. Illi li kieku din il-Qorti kellha tabbraccja it-tezi prospettata mill-appellanti tkun qed tiftah il-bibien ghal abbuz serju fejn persuna intercettata b'ammont ta' droga jew sustanza illecita f'xi avveniment socjali tohrog bl-iskuza illi dawn hija akkwistathom bl-intenzjoni li taqsamhom ma' shabha, minghajr ma jingiebu provi ulterjuri sabiex tigi sostanzjata dina l-affermazzjoni."

Illum il-ġurnata dak l-aġir li jammonta għar-reat ta' traffikar *by sharing* ġie imwessa mil-leġislatur permezz tal-emendi ntrodotti riċentement permezz tal-Avviż Legali XXXVI tas-sena 2021 fil-proviso tal-Artikolu 120A(7) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, identiku għall-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li issa jinkludi wkoll l-aġir ta' min jakkwista kwantita` żgħira ta' mediċini biex jiġu kkunsmati f'dak l-istess post għal u fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tiegħu f'avventiment wieħed mingħajr profitt. Fil-fatt illum il-proviso tal-Artikolu 120A(7) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation, il-qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien biħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, jew akkwista kwantità żgħira ta' mediċini biex jiġu kkunsmati f'dak l-istess post għal u fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tiegħu f'avveniment wieħed mingħajr profitt, il-qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu".

Ir-referenza għas-sentenza appena ċitata hija għall-fini illi tinstilet distinzjoni, li fl-opinjoni tal-Qorti hija waħda netta, bejn każijiet fejn persuna <u>**tindaħal**</u> sabiex tixtri d-droga għal ħaddieħor, bħal fil-każ ta' <u>**Il-Pulizija vs Omissis**</u>, appena ċitat, li llum ukoll jistgħu jaqgħu fl-ambitu ta' traffikar *by sharing* bl-emendi ntrodotti, kemm il-darba jikkonkorru ċ-ċirkostanzi li trid il-liġi fid-disposizzjoni appena ċitata ossia illi l-kwantita` tal-mediċina akkwistata tkun waħda żgħira, illi tkun ser tiġi kkunsmata fl-istess post u dan isir f'avveniment wieħed u mingħajr profitt, u dawk il-każijiet fejn persuni jifthemu illi jixtru d-droga flimkien u jipparteċipaw flimkien f'tali akkwist.

Fil-fehma tal-Qorti, il-każ ta' llum jinkwadra taħt dan it-tieni xenarju. Ma kienx il-każ illi l-imputata, fuq talba ta' BC, indaħlet sabiex takkwista l-pilloli *ecstasy* mingħand Calleja, iżda l-imputata u BC faslu pjan komuni sabiex jakkwistaw u jikkunsmaw tali pilloli *ecstasy* flimkien u dan billi filwaqt li kienu flimkien, <u>it-tnejn li huma tkellmu ma' Calleja u talbuh sabiex jipprokuralhom dawn il-pilloli għal-lejl in kwistjoni</u>. Kemm BC, kif ukoll l-imputata ħarġu l-flus għat-tliet pilloli li huma kienu ser jaqsmu bejniethom. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li kienet l-imputata li eventwalment fiżikament akkwistat dawn il-pilloli mingħand Calleja u li kienet hi li għaddiet pillola minnhom lil BC kien purament inċidentali għall-fatti kif żvolġew fil-lejl mertu tal-każ, u ma jnaqqasx mill-fatt illi dan kien ko-akkwist ta' droga bejniethom.

Għalhekk, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma seħħilhiex tipprova l-ewwel imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tal-imputata.

Hawnhekk jiġi rilevat illi minkejja li l-Prosekuzzjoni baqgħet ma tellgħatx bħala xhud lill-Uffiċjal illi eleva l-pillola in kwistjoni mill-pussess tal-imputata odjerna, mix-xhieda ta' BC jirriżulta ċar illi din ġiet mgħoddija mill-istess imputata lill-Pulizija, u fid-dawl tal-fatt illi x-Xjenzat Godwin Sammut jgħid illi huwa analizza proprju pillola ta' lewn bajda maqsuma, kif ukoll illi din kienet fil-fatt pillola *ecstasy*, inkluż ix-xhieda ta' BC stess li tikkonferma li hija u l-imputata kienu akkwistaw u kkunsmaw l-*ecstasy* fil-lejl in kwistjoni u tiddeskrivi wkoll kif meta hija kkunsmat din il-pillola, wara ftit din bdiet tħoss

l-effett tagħha u bdiet tiżfen u tieħu pjaċir ma' sħabha, il-Qorti m'għandhiex dubju illi dak li kienu kkunsmaw BC u l-imputata fil-lejl in kwistjoni kienu fil-fatt pilloli *ecstasy.*

Permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputata tinsab akkużata ukoll bir-reat ta' traffikar tar-raża tal-*cannabis*. Din l-imputazzjoni, bħal ta' qabilha, hija marbuta max-xhieda ta' BC meta din tgħid illi f'okkażjoni waħda, li ġrat madwar xahar qabel il-lejl in kwistjoni, hi u l-imputata akkwistaw flimkien biċċa raża tal-*cannabis* u kkunsmawha flimkien. Jirriżulta illi anke f'dak il-każ, flimkien huma kienu tkellmu ma' Calleja sabiex jipprokuralhom il-*cannabis*, kif fil-fatt sar. Skont BC, l-ewwel *joint* ġie mrembel minn Calleja u t-tieni wieħed mill-imputata.

Għalhekk anki fir-rigward ta' din l-imputazzjoni għandhom japplikaw l-istess kunsiderazzjonijiet li l-Qorti għamlet iżjed 'il fuq dwar l-ewwel imputazzjoni u għaldaqstant, anke hawn, il-Qorti ma tqisx illi t-tieni imputazzjoni fil-konfront tal-imputata tirriżulta ppruvata.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, imbagħad, l-imputata tinsab akkużata bil-pussess aggravat tal-pilloli *ecstasy*. Kif diġa` ingħad iżjed 'il fuq, tenut kont taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, fejn allura hawn si tratta ta' ko-akkwist ta' pilloli *ecstasy*, ir-reat ta' pussess aggravat tal-istess mediċina psikotropika u ristretta ma jirriżultax. Għaldaqstant, l-imputata qed tinstab ħatja biss tar-reat ta' pussess tal-istess droga għall-użu personali.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, tenut kont tax-xhieda ta' BC, u tal-kunsiderazzjonijiet magħmula iżjed 'il fuq, il-Qorti tqis illi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi l-imputata kienet fil-pussess tar-raża tal-*cannabis* fiż-żmien in kwistjoni.

Madankollu, hawnhekk jeħtieġ illi l-Qorti tqis ukoll id-disposizzjonijiet introdotti riċentement fil-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021, li emenda d-disposizzjonijiet tal-istess Kapitolu u tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fost oħrajn, in kwantu ċertu attivitajiet relatati mal-*cannabis*. L-Artikolu 4A(1) tal-Kap. 537, introdott permezz tal-imsemmi Att, jgħid hekk:

> "4A. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna, ma għandux jikkostitwixxi reat, u l-persuna

> ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejn hemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis:
>
> Iżda kwalunkwe persuna taħt l-età ta' tmintax (18)-il sena li tinstab b'tali pussess tad-droga kannabis għandha tkun soġġetta li tiġi mħarrka biex tidher quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja li, wara li jieħu nota tal-każ, jista' jipproponi li tali persuna tissottometti ruħha għal pjan ta' kura jew trattament. Meta jagħmel din il-proposta, il-Kummissarju għall-Ġustizzja jista' jikkonsulta mal-Bord dwar ir-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u ma' kwalunkwe persuna oħra jew awtorità pubblika kif il-Kummissarju għall-Ġustizzja jqis xieraq."

Dan ifisser illi llum il-ġurnata, persuni taħt l-eta` ta' tmintax-il sena, bħall-imputata fiż-żmien tal-każ odjern, li jinstabu fil-pussess tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, għall-użu personali, mhumiex soġġetti għall-proċeduri kriminali quddiem din il-Qorti, iżda fit-termini tal-liġi għandhom ikunu soġġetti li jiġu mħarrka sabiex jidhru quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja, li mbagħad, jista' jipproponi li dik il-persuna tissottometti ruħha għall-pjan ta' kura jew trattament. Fil-fehma ta' din il-Qorti, għalkemm f'dan il-proviso, il-liġi ma tgħidx b'mod ċar illi l-pussess tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, f'każ ta' persuni ta' taħt l-eta` ta' tmintax-il sena, m'għandux jikkostitwixxi reat, bħal ma tgħid fil-każ ta' persuni ta' 'l fuq minn tmintax-il sena, biss anke fil-każ ta' persuni ta' taħt it-tmintax-il sena, huwa evidenti illi l-liġi għandha tiġi nterpretata b'dan il-mod u dan għal diversi raġunijiet:

1. Fl-ewwel lok, f'każ ta' interpretazzjoni diversa, allura l-liġi tkun qegħda tiddistingwi bejn persuni ta' 'l fuq minn tmintax-il sena u persuni ta' taħt l-eta` ta' tmintax 'il sena dwar l-istess fatt, b'tali mod li l-pussess tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux aktar minn seba' grammi jiġi meqjus bħala reat għall-persuni ta' taħt it-tmintax-il sena, iżda ma jkunx jikkostitwixxi reat għall-persuni ta' 'l fuq minn tmintax-il sena, li ma jidhirx li huwa l-għan tal-leġislatur.

2. Fit-tieni lok, jidher illi l-għan tal-leġislatur permezz tal-proviso appena ċitat, minkejja illi jeżiġi illi persuni ta' taħt it-tmintax-il sena jkunu soġġetti li jiġu mħarrka quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja, huwa l-protezzjoni ta' persuni ta' eta` tenera u illi dawn jingħataw l-għajnuna kontra d-droga, fejn tali għajnuna tkun meħtieġa;

3. Fit-tielet lok, b'referenza għall-Kummissarju għall-Ġustizzja, il-proviso juża l-kliem '<u>jista'</u> jipproponi' (sottolinear tal-Qorti), li jfisser illi l-azzjoni tal-istess Kummissarju hija waħda diskrezzjonali, li tiddependi

miċ-ċirkostanzi tal-każ u tal-persuna hekk imħarrka, u li konsegwentement ifisser ukoll illi l-istess Kummissarju jista' jiddeċiedi wkoll illi ma jippproponi xejn dwar pjan ta' kura u trattament, f'liema każ allura l-liġi ma tipprospetta l-ebda konsegwenza għall-persuna hekk imħarrka.

4. Fir-raba' lok, il-fatt illi l-Kummissarju għall-Ġustizzja "jista' jipproponi li tali persuna tissottometti ruħha għal pjan ta' kura jew trattament" (sottolinear tal-Qorti) ifisser illi l-liġi tipprospetta biss suġġeriment u mhux imposizzjoni, bħal ma hija piena dwar reat.

5. Fil-ħames lok, il-Qorti tinnota illi l-kliem użat mil-leġislatur fl-Artikolu 4A(2) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta huwa differenti minn dak użat fl-Artikolu 4A(1) tal-istess Kapitolu. L-Artikolu 4A(2) jgħid hekk:

> "Fejn akkuża ta' ksur tal-liġijiet tad-droga tkun tikkonsisti f'akkuża ta' pussess tad-droga kannabis fi kwantità ta' aktar minn seba' grammi iżda mhux aktar minn tmienja u għoxrin gramma, irrispettivament mill-purità, f'ċirkostanzi li ma jwasslux li wieħed raġonevolment jemmen li d-droga projbita mhijiex għall-użu personali tal-persuna li għandha l-pussess tagħha, dik il-persuna għandha tkun soġġetta għal proċess skont l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja u, meta tinsab ħatja mill-Kummissarju għall-Ġustizzja assenjat mill-Ministru sabiex jisma' każijiet dwar reati ta' droga, teħel penali bejn ħamsin euro (€50) u mitt euro (€100)" (sottolinear tal-Qorti)

Hawnhekk huwa evidenti illi l-att in kwistjoni jammonta għal reat kriminali, u illi għalhekk l-persuna tkun soġġetta għall-proċeduri quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja bil-konsegwenza illi kemm il-darba tinstab ħatja ta' dak ir-reat, teħel il-penali mposta mil-liġi.

Illi tenut kont ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, la darba ma jirriżultax lil din il-Qorti, b'rabta mar-raba' imputazzjoni, illi l-imputata kienet fil-pussess ta' iżjed minn seba' grammi ta' raża tal-*cannabis,* iżda anzi jirriżulta illi x'aktarx dan ma kienx il-każ, il-Qorti jidhrilha illi għandha llum tapplika din il-liġi fil-konfront tal-imputata odjerna, liema liġi hija l-iżjed favorevoli għaliha, b'dan għalhekk illi la darba l-fatt li bih l-istess imputata tinsab akkużata llum ma jikkostitwixxix reat, allura hija ser tiġi lliberata minn din l-imputazzjoni.

Hawnhekk il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Cassano** tat-28 ta' Settembru 2017, u dan b'referenza għal ċirkostanzi simili fejn id-disposizzjoni tal-liġi li kienet tikkontempla r-reat li bih ġie mixli l-appellant f'dak il-każ, kienet ġiet imħassra:

"Illi fir-rigward tat-tieni akkuza li hija imfassla fuq l-artikolu 97(f)(i) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu jinghad illi din id-disposizzjoni tal-ligi giet imhassra permezz tar-regolament 42 ta' l-Avviz Legali 376 ta' l-2012. Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma baqax jigi hekk ikkunsidrat ftit xhur wara l-akkuza. Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem il-qorti ghalhekk hija tal-fehma illi fir-rigward tat-tieni akkuza ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti ghaldaqstant ser tghaddi biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza u tirrevoka konsegwentement is-sejbien ta' htija li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti:

"*The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.*"[28]

Illi l-Qorti Ewropeja kompliet tirraferma din il-posizzjoni fid-decizjonijiet li segwew bhal Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014 fejn gie ritenut:

"*The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.*"[29]

Sahansitra il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghad-dritt penali kien tal-fehma illi:

---

[28] Hawnhekk dik il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza **Scoppola vs Italy**, App. No. 12049/03 – 17/09/2009 (Grand Chamber).
[29] Hawnhekk saret referenza wkoll għal **Ruban vs Ukraine** – 12/07/2016 u **Koprivnikar vs Slovenia**.

*"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation.*

*It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita`) that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.*"[30]

Kompliet tgħid il-Qorti illi:

"B'hekk illum ghalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proceduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qieghed jitqies illi huwa leziv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem."

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' April 2021, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Hany Abdullatif Tawkif Elkhawiny**, għalkemm f'dak il-każ kien hemm tibdil fil-piena kkontemplata fil-liġi wara ż-żmien tar-reat u wara s-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk mhux tibdil fil-liġi li wasslet sabiex att jew ommissjoni ma jibqax jikkostitwixxi reat, bħal fil-każ tal-lum, il-Qorti adottat l-istess posizzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ta' **Cassano** fuq ċitata u qalet hekk dwar din il-materja:

"Il-punt huwa jekk u safejn Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tista' tapplika l-piena l-anqas gravi fil-każ fejn il-piena marbuta ma reat fiż-żmien meta jkun seħħ reat tiġi mibdula matul iż-żmien li imputat ikun qiegħed jiġi mixli b'reat partikolari li l-piena tiegħu tiġi mibdula – b'piena anqas – fil-mori ta' dawk il-proċeduri.

21. Il-prinċipju legali imsemmi huwa dak li jitnissel mill-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali u ċjoe illi : -

[30] Informazzjoni miksuba minn artikolu minn The Times of Malta data 27 ta' Frar 2017 "The more lenient criminal law" miktub mill-Profs. Kevin Aquilina.

> Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.[31]

22. Biss din il-kwistjoni legali mhix daqshekk sempliċi daqs kemm tidher. Għalkemm il-Kodiċi Kriminali huwa ċar fuq dan il-punt, jidher daqstant ċar li l-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali baqa' mhux mittiefes u mimsus sa minn meta l-Kodiċi Kriminali kien ġie promulgat bil-Proklama numru 1 tal-10 ta' Marzu 1854 li promulga l-Ordni tal-Maesta' Tagħha r-Reġina fil-Kunsill tat-30 ta' Jannar 1854. Dak iż-żmien l-artikolu 26 kien jaqra hekk :

> Se la pena stabilita nel tempo del giudizio e quella che era fissata nel tempo del reato fossero diverse fra loro, sara' sempre applicata quella di qualita' meno grave.

23. Dan huwa prinċipju sempliċi daqskemm importanti f'dan il-każ. Huwa prinċipju li, qalb diversi kien jagħmel il-Kodiċi Kriminali Malti wieħed mill-aktar Kodiċijiet għall-avangwardja ta' żmienu.

24. Fil-fatt anke l-Professur Sir Anthony Mamo kien kiteb fuq dan is-suġġett fil-**Lectures in Criminal Law**[32] fejn waqt li jgħid li l-injoranza tal-liġi kriminali mhix skużanti għal min jiskriha, kif ukoll li l-liġi kriminali tapplika minn meta tiġi promulgata l-quddiem u li ma għandhiex applikabbilita retroattiva, jgħid ukoll li pero:

> An apparent exception to the rule that a penal law cannot have retrospective effect occurs where a new law enacted after the commission of te offence is less severe or more advantageous to the offender than the law in force at the time the offence was committed. This hypothesis is twofold:-
>
> a) The law against which the offence was committed is subsequently repealed, so that the act is no longer criminal;
> b) The law against which the offence was committed is subsequently amended or changed so that, though the act is still criminal, the punishment or the conditions of liability and prosecution are varied.
>
> …

[31] Fit-test ingliż tal-Kodiċi Kriminali jingħad hekk:

> 27. If the punishment provided by the law in force at the time of the trial **is different** from that provided by the law in force at the time when the offence was committed, the less severe kind of punishment shall be awarded.

[32] First Year, 1965, edizzjoni riveduta fl-1986, f'paġna 30 fejn jitratta l-**Operation of Criminal Law, Limitations by Time**

The ‘communis opinio’ among continental writers is that where the law in foce at the time of the commission of the offence and the subsequent law are different, the offender should be dealt with according to the law which is more favourable to him. This means that if the law in force at the time of the trial is less favourable to the accused than the law in force at the time of the commission of the offence, it is the latter law that should be applied retrospectively to his prejudice (*sic*). If, on the contrary, the new law is more favourable to the accused than the law which was in ofrce at the time the offence was committed, then it is the new law that should be applied; for, if the old law were to be applied, it would have, as to the excess of punishment or other aggravation, an effect beyond its limit of valid operation.

Section 28 of our Criminal Code provides that “if the punishment prescribed by the law in force at the time of the trial is different from that prescribed by the law in force at the time of the commission of the offnce, the less severe of the two punishments (Old Italian text : “pena di qualita’ meno grave”) shall be applied.

…

The above-quoted provisions of our Criminal Code applies ‘expressis verbis’ where the difference is between the punishment as at the time of the commission of the offence and the punishment as at the time of the trial. This means that if, when the new law reducing the punishment comes into force, proceedings in respect of the offence have already been definitely concluded, such new law does not affect the sentence already awarded; saving, of course, wven in this case, the Prerogative of Mercy. If, however, when the new law comes into operation an appeal from the sentence is still pending, then the accused is entitled to the benefit of the less severe punishment (V. Crim. Appeal ‘The Police vs. S. Chircop et’ 13.XI. 1943; Roberti, op. cit. Vol II, 315). .....

In conclusion it needs hardly be said that the principles above set forth concerning the application of the more favourable law may be set aside by an express provision in the repealing or amending law. This is, in Malta, commonly done, especially in respect of enactments which operate for a short period of time and are at short intervals amended or repealed and re-enacted. In such cases the necessity is obvious of saving unprejudiced any liability or proceedings incurred or instituted under the law so amended or repealed.

In England, the general rule is, now, that the repeal of a Statute has no effect on pending proceedings. Prior to 1889, by

the unqualified repeal of the Statute on which an indictment was framed, the proceedings fell to the ground and no judgement would be pronounced. A prisoner indicted for an offence against an Act which was repealed after the offence was committed, but before the prisoner was tried, could not be sentenced under the repealed Act. But as to Statutes passed since 1889, the Interpretation Act, 1889 (52 & 53 Vict. C. 63, s. 38, ss.2) provides that where an Act "repeals any other enactment, then unless the contrary intention appears, the repeal shall not..... (d) affect any penalty, forfeiture or punishment incurred in respect of any offence committed against any enactment so repealed; or (e) affect any investigation, legal proceedings or remedy in respect of any such ........penalty, forfeiture or punishment as aforesaid", and that "any such investigation, legal proceeding or remedy may be instituted, continued or enforced and any such penalty, forfeiture or punishment may be imposed as if the repealing Act had not been passed". Particular clauses to the like effect were common in prior Statutes. (Arch. "Pleading, Evidence and Practice in Criminal Cases", Ed. 1931, pp.89).

… in matters of procedure, the general rule is that the law to be applied is always that in force at the time of the trial, notwithstanding that at the time of the commission of the offence, the mode of proceeding may have been governed by a different law and irrespective of whether such former law was more, or less, favourable to the accused.

25. Fil-fatt, fiż-żmien meta inkitbu dawn in-Noti ta' Sir Anthony Mamo, Malta kien għad ma għandhiex l-Interpretation Act tagħha. Din il-Liġi fil-fatt ġiet promulgata aktar tard fl-4 ta' Frar 1975 bl-Att VII tal-1975. Fl-artikolu 12 jingħad hekk :

**12.(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –**
(a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew li ma tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;
(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;
(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew li ġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;
**(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk**;
(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,u kull stħarriġ, proċedimenti legali,

jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda.

26. Jiġifieri Skont din il-Liġi għalhekk meta jkun hemm bidla f'Liġi li tolqot anke l-piena li tkun preskritta għar-reat, il-Liġi li għandha tibqa' applikabbli hija dik fiż-żmien ta' meta jkun ġie mwettaq ir-reat. Dan ifisser li bis-saħħa tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta, il-posizzjoni **ceteris paribus** ġiet simili għal dik fir-rigward tal-posizzjoni fl-Ingilterra u Wales wara l-1889."

Hawnhekk il-Qorti ċċitat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mark Anthony Brincat et** tal-4 ta' Lulju 2019, iżda kompliet hekk:

"28. Din il-Qorti jidhrilha li mill-banda l-oħra l-Att dwar l-Interpretazzjoni kien ġie promulgat f'Malta madwar tnax il-sena qabel ma Malta adottat l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea fid-19 t'Awissu 1987, fejn allura l-artikolu 3 tiegħu jgħid li :

3.(1) Id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali għandhom isiru, u jkunu esegwibbli bħala, parti mil-Liġi ta' Malta.
(2) Fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett.

29. Fil-fatt, anke fil-pubblikazzjoni **Guide on Article 7 of the Convention** stampat mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-parti intitolata **No punishment without law**: **the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty** f'paġna 21 hemm il-parti jisimha **V. Principle of retrospective application of more favourable criminal law** fejn jingħad hekk : -

55. Even though Article 7 § 1 of the Convention does not expressly mention the principle of the retroactivity of the lighter penalty (unlike Article 15 § 1 in fine of the United Nations Covenant on Civil and Political Rights and Article 9 of the American Convention on Human Rights), the Court held that Article 7 § 1 guarantees not only the principle of non-retroactivity of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the

> time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant (Scoppola v. Italy (no. 2) [GC], §§ 103-109, concerning a thirty-year prison sentence instead of a life sentence). The Court considered that "inflicting a heavier penalty for the sole reason that it was prescribed at the time of the commission of the offence would mean applying to the defendant's detriment the rules governing the succession of criminal laws in time. In addition, it would amount to disregarding any legislative change favourable to the accused which might have come in before the conviction and continuing to impose penalties which the State – and the community it represents – now consider excessive" (ibid., § 108). The Court noted that a consensus had gradually emerged in Europe and internationally around the view that application of a criminal law providing for a more lenient penalty, even one enacted after the commission of the offence, had become a fundamental principle of criminal law (ibid., § 106)."

Imbagħad b'referenza għall-każ ta' Cassano fuq ċitat, il-Qorti qalet illi essenzjalment f'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali ħadet "*l-posizzjoni li essenzjalment jadotta l-Mamo qabel l-introduzzjoni tal-Att dwar l-Interpretazzjoni*" u kompliet tgħid illi *"Din ukoll jirriżulta li hija l-posizzjoni abbraċċjata mill-Professur Kevin BC ...f'artikolu tiegħu miktub minnu fis-27 ta' Frar 2017".*

Fil-fatt fl-artikolu tiegħu ntitolat **The More Lenient Criminal Law**[33], il-Professur BC jgħid hekk:

> "One of the controversies which have erupted recently in relation to the Media and Defamation Bill is whether the latter is human rights compliant in relation to Article 7 of the European Convention on Human Rights (ECHR) whose marginal note reads "No punishment without law".
>
> …
>
> The Bill contains a provision which will decriminalise criminal defamatory libel for the future but will retain extant proceedings even after the Bill becomes law. Clause 27(4) states that: "Any criminal proceedings instituted under the repealed Act prior to the coming into force of this Act and which, on the coming into force of this Act, are pending before any court shall continue to be heard and shall be determined by the courts in terms of the

[33] Times of Malta, 27 ta' Frar 2017.

repealed Act but the court shall not in awarding any punishment for defamation impose any punishment of imprisonment."

In other words, from the entry into force of the Bill it would not be possible for the police to institute criminal libel proceedings but, in so far as pending criminal libel proceedings are concerned, these proceedings are saved and can be continued and determined without any difficulty. The question which arises is whether this is lawful under Maltese law and whether it is human rights compliant.

In so far as Maltese law is concerned, the Interpretation Act, enacted in 1975 before Malta incorporated the ECHR into Maltese law through the European Convention Act, states quite clearly that it is possible to adopt the course proposed in the Bill. The Interpretation Act, in article 12, allows Parliament to repeal a criminal offence while saving the operation of that criminal law in relation to pending proceedings. So, to my mind, I see no inconsistency between clause 27(4) of the Bill and article 12 of the Interpretation Act. On the contrary they are in harmony with each other.

The next question which has to be asked is: are article 12 of the Interpretation Act and clause 27(4) of the Bill fully compliant with Article 7 of the ECHR? The answer is in the negative. The European Court of Human Rights (ECtHR) has enunciated in its case law what it refers to as the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. It has explained this principle in the Grand Chamber's decision of Scoppola v. Italy (No. 2) of September 17, 2009 as follows:

"In the light of the foregoing considerations, the court takes the view that it is necessary to depart from the case law established by the Commission in the case of X v. Germany and affirm that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law.

"That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant…

“It follows that the applicant was given a heavier sentence than the one prescribed by the law which, of all the laws in force during the period between the commission of the offence and delivery of the final judgment, was most favourable to him... In the light of the foregoing, the court considers that the respondent State failed to discharge its obligation to grant the applicant the benefit of the provision prescribing a more lenient penalty which had come into force after the commission of the offence.”

This was not the only case where the ECtHR applied the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. Other cases followed. Such is the case of Öcalan v. Turkey (No 2) of March 18, 2014 where it held that:

“The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.”

In the Öcalan judgment, the court also referred to another case: “In its decision in the case of Hummatov v. Azerbaijan ([dec.], nos. 9852/03 and 13413/04, May 18, 2006), the court approved the parties’ shared opinion that a life sentence was not a harsher penalty than the death penalty.”

In Ruban v. Ukraine decided on July 12, 2016, the ECtHR held as follows: “Article 7 § 1 guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law.”

In Koprivnikar v. Slovenia, Strasbourg explained these words as follows: “In other words, where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of an offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant (see Scoppola v. Italy (no. 2) [GC], no. 10249/03, § 109, September 17, 2009).”

In its judgment in the case of Gouarré Patte v. Andorra the court extended the guarantees of Article 7 concerning the retrospectiveness of the more lenient criminal law to the possibility of retrospective revision of the final sentence if domestic law

> provided for such a possibility (see Gouarré Patte v. Andorra, no. 33427/10, §§ 33 to 36, January 12, 2016).
>
> By applying the above case law to the Bill, the situation is that under the Bill no punishment will be meted out for criminal libel on its entry into force once this offence is being decriminalised but under the Press Act which will be repealed by the Bill, the punishment is that of a fine. Needless to say, the most lenient of both provisions is the one which imposes no punishment not the one which imposes a fine.
>
> Therefore clause 27(4) of the Bill is not in conformity with Article 7 of the ECHR. On the contrary, it is in breach of human rights. Yet, as the Bill has not been enacted into law, there is still time for government to salvage this situation provided that it understands that there is a problem here which needs addressing."

Fis-sentenza tagħha, imbagħad, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet hekk fil-każ ta' **Elkhawiny**:

> "34. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-prinċipji li illum il-ġurnata għandhom japplikaw f'dan il-kamp huma dawk li huma wkoll riflessi aktar il-fuq, b'mod partikolari, fl-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali – speċifikament applikabbli għall-kamp penali u li fih l-elementi tal-grazia e giustizia illum ċentenarji u li ma ġiex mibdul fil-kamp penali, u li jirrifletti l-posizzjoni li aktar minn mija u ħamsin sena wara l-promulgazzjoni tiegħu huwa rifless fl-iżvilupp tal-Liġi u tal-Ġurisprudenza fil-Qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem evolviet b'mod li l-artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropeja aktar il-fuq imsemmija ma jħallix ekwivoċi. **Jekk wara li twettaq ir-reat, il-liġi tipprovdi għal piena inqas, dik il-piena għandha tkun applikabbli**."

Hawnhekk din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Agostino Bugeja</u>**[34] fejn kien gie ritenut b'referenza għall-Artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali, illi għalkemm dan l-artikolu jikkontempla biss il-każ fejn il-piena fiż-żmien tal-kawża tkun differenti mill-piena fiż-żmien tal-allegat reat u ma teżisti ebda dispożizzjoni espressa tal-liġi rigwardanti l-każ fejn, fiż-żmien tal-kawża, ir-reat ma jkunx għadu jeżisti, b'dana kollu *arguendo a fortiori* minn dan l-artikolu, hu ċar li l-akkużat għandu jinħeles minn kull piena fl-aħħar ipotesi. Altrimenti, il-liġi tkun qed tikkontradiċi lilha nnifsha meta tagħti effett retroattiv lil-liġi li kull ma tagħmel tipprovdi għall-piena aktar ljevi w fl-istess ħin tiċħad dan l-effett retroattiv lil-

[34] Vol. XXIV, p. iv. p. 941

liġi sussegwenti, li minflok tnaqqas il-piena, attwalment telimina l-piena kompletament.

Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-raġunament. Konsegwentement, fid-dawl ta' dawn il-prinċipji tqis illi ma tistax issib ħtija fl-imputata dwar fatt li llum m'għadux jikkostitwixxi reat.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Għall-fini ta' piena dwar it-tielet imputazzjoni, il-Qorti tqis illi l-fedina penali tal-imputata kienet u baqgħet waħda netta u illi allura dan kien l-uniku skontru illi hija kellha mal-ġustizzja.

Tqis ukoll illi kif jirriżulta mix-xhieda u mir-relazzjoni redatta minn Dr. Roberta Holland, illi dan kien inċident iżolat, li seħħ sforz tal-eta`, l-immaturita` u inġenwinita` tal-imputata fiż-żmien in kwistjoni u illi hija ħadet id-droga sabiex tinsa d-diffikultajiet familjari li kienet qegħda tiffaċċja fl-istess żmien, kif ukoll illi minn dak iż-żmien l'hawn l-imputata ma kellha l-ebda problemi simili, u illi llum il-ħajja tagħha hija waħda tassew stabbli.

F'dan il-kuntest, u in konnessjoni ma' dak li tipprovdi l-liġi fl-Artikolu 4A(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqis illi llum l-imputata hija maġġorenni u illi fi kwalunkwe każ, kif ingħad, m'għandhiex problema tad-droga.

Tqis in oltre illi l-imputata kienet minuri fiż-żmien tal-każ odjern u illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2008.

**<u>Konklużjoni</u>**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985, kif ukoll l-Artikolu 37(2) tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputata **AB** mhux ħatja tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet, kif ukoll tat-tielet imputazzjoni <u>kif dedotta fil-konfront tagħha</u> u qegħda tilliberaha minnhom, iżda qed issibha ħatja, in kwantu t-tielet imputazzjoni, biss tal-pussess 'sempliċi' tal-mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*), b'dan illi tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet magħmula iżjed 'il fuq, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat ieħor fi żmien disa' (9) xhur mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-ħatja bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba hija tikkommetti reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħatja sabiex tħallas l-ispejjeż tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut maħtur f'dawn il-proċeduri ossia s-somma ta' mija, sitta u ħamsin ewro u sbatax-il ċenteżmu (€156.17) u dan fi żmien xahrejn mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti bħala Dokument MB, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni u dan sakemm fi żmien ħmistax-il jum, il-Prosekuzzjoni ma tindikax, permezz ta' nota, illi dan id-dokument jenħtieġ għall-fini ta' proċeduri oħrajn.

Tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-ħatja u tax-xhud BC stante li kienu minuri fiż-żmien tal-każ odjern.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat